MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

**ONOR. IMHALLEF -- AGENT PRESIDENT**
**DAVID SCICLUNA**

**ONOR. IMHALLEF**
**NOEL CUSCHIERI**

**ONOR. IMHALLEF**
**JOSEPH ZAMMIT MC KEON**

Seduta ta' l-20 ta' Mejju, 2010

Numru 4/2005

**Ir-Repubblika ta' Malta**

**v.**

**Dr. Noel Arrigo**

**Il-Qorti**:

**1.** Rat l-Att ta' Akkuza migjub fil-Qorti Kriminali mill-Avukat Generali fit-28 ta' Jannar 2005 kontra Dr. Noel Arrigo li permezz tieghu l-istess Avukat Generali akkuzah talli (1) bhala uffiċjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tiegħu, talab, ircieva jew accetta ghalih

jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalih huwa ma kellux jedd, b'dan li l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew ta' l-offerta kien sabiex jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel, u b'dan ukoll illi barra milli accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, fil-fatt naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel; (2) rcieva u accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi xi ufficjal jew impjegat pubbliku, b'dana wkoll illi sar hati ta' reat li hu, bhala uffiċjal jew impjegat pubbliku, kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi; (3) bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, ikkomunika jew ippubblika dokument jew fatt li gie fdat lilu jew li kien gie maghruf minnu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, u illi kellu jibqa' sigriet, jew b'xi mod ghen biex jigi maghruf;

**2.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali ta' l-24 ta' Novembru 2009 li permezz taghha dik il-Qorti sabet lill-imsemmi Dr. Noel Arrigo hati taht it-tliet kapi ta' l-Att ta' Akkuza, u cioe`: (1) hati taht l-ewwel kap tal-att ta' akkuza u taht l-art. 155(b) u (c) tal-Kodici Kriminali talli, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, in konnessjoni mal-kariga jew impjieg tieghu, talab, irceva jew accetta għalih jew ghal haddiehor xi rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli iehor, jew ta' xi vantagg iehor, li ghalih huwa ma kellux jedd, b'dan li l-iskop tal-hlas, tal-weghda jew ta' l-offerta kien sabiex jonqos li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel, u b'dan ukoll illi barra milli accetta l-hlas, il-weghda jew l-offerta, fil-fatt naqas li jaghmel dak li kien fid-dmir tieghu li jaghmel; (2) hati taht it-tieni kap tal-att ta' akkuza u taht l-artikoli 121A(2) u 141 tal-Kodici Kriminali talli rcieva u accetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jezercita xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeciedi xi ufficjal jew impjegat pubbliku, b'dana wkoll illi sar hati ta' reat li hu, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku, kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi; u (3) hati taht it-tielet kap tal-att ta' akkuza u taht l-art. 133 tal-Kodici Kriminali talli, bhala ufficjal jew impjegat pubbliku,

ikkomunika jew ippubblika dokument jew fatt li gie fdat lilu jew li kien gie maghruf minnu minhabba l-kariga jew impjieg tieghu, u illi kellu jibqa' sigriet, jew b'xi mod ghen biex jigi maghruf;

**3.** Rat is-sentenza tal-Qorti Kriminali tas-26 ta' Novembru 2009 li permezz taghha, wara li rat l-artikoli 17(b), 31, 115(b) u (c), 121A, 141, 133 u 119 tal-Kodici Kriminali, ikkundannat lill-imsemmi Dr. Noel Arrigo ghall-piena ta' sentejn u disa' xhur prigunerija, b'dan illi ghandha tizdied ukoll il-piena ta' interdizzjoni generali perpetwa kif ighidu u jridu l-artikoli 10(2) u 119 tal-Kodici Kriminali; u wara li rat ukoll l-artikolu 23 tal-Kodici Kriminali ordnat il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tal-flejjes li servew ghall-korruzzjoni, u ordnat ukoll il-pubblikazzjoni tas-sentenza kif irid l-artikolu 10(7) tal-Kodici Kriminali;

**4.** Rat illi l-ewwel Qorti waslet ghal din id-decizjoni wara li elenkat il-fatti kollha rilevanti u ghamlet il-konsiderazzjonijiet li dehrilha opportuni li se jigu hawn riprodotti:

"Il-fatti li wasslu għal din il-kawża tallum seħħew hekk:

"L-Avukat Ġenerali kien ħareġ l-Att ta' Akkuża numru 3 tal-1998 li bih ċertu Mario Camilleri kien mixli *inter alia* talli ittraffika u kellu fil-pussess tiegħu d-droga kokajina u talli kellu u żamm arma tan-nar mingħajr il-liċenza meħtieġa. Wara taħdidiet bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża, u wara li l-prosekuzzjoni irtirat xi kapi ta' akkuża u d-difiża fehmet illi kellha l-assikurazzjoni tal-prosekuzzjoni illi l-piena ma kellhiex tkun ta' aktar minn tnax-il (12) sena priġunerija, mingħajr iżda ma sar ftehim formali għax dak iż-żmien l-art. 453A tal-Kodiċi Kriminali dwar sentenza fuq talba tal-partijiet ma kienx għadu daħal fis-seħħ, Camilleri fis-seduta tas-6 ta' Ġunju 2001 quddiem il-Qorti Kriminali ammetta l-akkużi msemmija fuq.

"Imbagħad, b'sentenza mogħtija fil-11 ta' Ġunju 2001 fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta *versus* Mario Camilleri l-Qorti Kriminali wara li qieset l-ammissjoni ta' Camilleri u qieset ukoll il-fatturi li dehrulha li kienu jgħoddu għall-każ iddikjaratu ħati tal-akkużi msemmija fuq u ikkundannatu għall-piena ta' sittax-il (16) sena priġunerija u ikkundannatu wkoll iħallas multa ta' ħamsa u għoxrin elf lira (Lm25,000).

"Billi din ma kinitx il-piena li d-difiża kienet ingħatat x'tifhem mill-prosekuzzjoni li kellha tistenna, l-avukat ta' Camilleri wara s-sentenza mar ikellem lill-prosekutur biex jara sewwasew kif kienet il-biċċa. L-avukati qablu li kellu jsir appell mill-piena u illi waqt is-smigħ il-prosekutur kellu jfisser lill-Qorti tal-Appell Kriminali x'kien il-ftehim informali – fis-sens illi mhux kif igħid l-art. 453A tal-Kodiċi Kriminali billi dan ma kienx għadu daħal fis-seħħ – bejn il-prosekuzzjoni u d-difiża li wassal biex Camilleri ammeta l-akkużi.

"Sar l-appell li nstema' mill-Qorti tal-Appell Kriminali fit-12 t'April 2002. Dakinhar il-Qorti tal-Appell Kriminali kienet magħmula mill-akkużat Dr Noel Arrigo bħala President, mill-Onor. Imħallef Joseph Filletti u minn Dr Patrick Vella li dak iż-żmien ukoll kien imħallef. Waqt it-trattazzjoni bil-fomm quddiem il-Qorti tal-Appell issemmew, kemm mid-difiża appellanti u kemm mill-prosekuzzjoni, it-trattativi li kienu saru bejn il-partijiet dwar il-parametri tal-piena f'każ ta' ammissjoni. Sar qbil ukoll illi ssir nota fir-reġistru dwar l-applikabilità tal-art. 453A meta dan jidħol fis-seħħ. Wara li nstemgħet it-trattazzjoni bil-fomm l-appell ġie differit għall-5 ta' Lulju 2002 għas-sentenza bil-fakoltá li ssir in-nota li għadha kemm issemmiet.

"L-imħallfin imbagħad irtiraw biex jiddeliberaw u qablu illi Dr Patrick Vella kellu, wara li jqis aktar fil-fond l-atti fil-proċess, iħejji abbozz ta' sentenza. L-Imħallef Joseph Filletti fisser il-fehma tiegħu illi jekk, wara li jkun qies sew il-fatturi kollha, Dr Patrick Vella jkun tal-fehma illi tassew kellu jkun hemm tnaqqis tal-piena, din ma kellhiex tinżel anqas minn tlittax-il (13) sena, *i.e.* it-tnaqqis kellu jkun ta' tliet (3) snin. L-Imħallef Filletti jiftakar ukoll illi, għalkemm il-parametri tal-piena kienu bejn tmien (8) snin u tnax-il (12) sena, billi r-reat ta' Mario Camilleri kien sar fuq medda ta' żmien, ukoll wara li l-liġi kienet inbidlet u l-ogħla piena skond il-liġi kienet żdiedet, u għalhekk uħud mill-atti kriminali kienu seħħew wara li l-ogħla piena żdiedet, għal din ir-raġuni it-tnaqqis kellu jkun sa tlittax (13) u mhux sa tnax-il (12) sena, dejjem jekk ikun hemm raġunijiet tajba għala għandu jingħata tnaqqis.

"Dwar dan l-episodju l-akkużat xehed li bejn it-tliet imħallfin kien hemm qbil illi jsir it-tnaqqis fil-piena, u li dan it-tnaqqis kellu jkun ta' tliet snin. Fi kliem ieħor, l-akkużat

igħid illi l-imħallfin qablu bla kondizzjoni li l-piena tonqos bi tliet snin u mhux, bħal ma xehed l-Imħallef Joseph Filletti, illi t-tnaqqis fil-piena jkun daqshekk imma biss jekk Dr Vella, wara li jifli sew il-proċess, ikun tal-fehma illi kien xieraq illi l-piena tonqos.

"Fil-fatt fil-15 t'April 2002 – tlitt ijiem wara t-trattazzjoni – Dr Vella ħejja abbozz tas-sentenza bil-konklużjoni illi l-appell jiġi miċħud, *i.e.* illi l-piena ta' priġunerija tibqa' għal sittax-il (16) sena. Dan l-abbozz ma ntweriex lill-Imħallef Filletti iżda ntwera lill-akkużat li lil Dr Vella qallu li l-abbozz sar kmieni wisq, li ma kienx skond il-ftehim u li kellu jistenna sakemm igħaddi ż-żmien mogħti lill-partijiet sabiex jagħmlu n-nota dwar l-art. 453A.

"Dan l-episodju tal-ewwel abbozz ftit jiem biss wara t-trattazzjoni u l-ewwel deliberazzjoni bejn l-imħallfin huwa, fil-fehma ta' din il-qorti, indikattiv ta' x'kien tassew il-ftehim bejn l-imħallfin f'dak il-waqt: jekk hux pożitivament li jsir it-tnaqqis fil-piena, kif igħid l-akkużat, jew jekk it-tnaqqis kienx kondizzjonat fuq l-opinjoni aktar maturata ta' Dr Vella, kif igħid l-Imħallef Filletti. Jekk il-ftehim kien tassew kif igħid l-akkużat hija ħaġa stramba kif Dr Vella nesieh wara biss tlitt ijiem.

"Wara dan l-episodju, li naturalment l-avukati ma kinux jafu bih, fl-10 ta' Mejju 2002 saret in-nota mid-difiża dwar l-art. 453A; din kienet notifikata lill-Avukat Ġenerali li, iżda, ma weġibx.

"Imbagħad, billi lill-avukat difensur deherlu illi waqt it-trattazzjoni bil-fomm il-prosekuzzjoni ma kinitx għamlitha biżżejjed ċara illi tassew kien intlaħaq ftehim illi l-piena ma kellhiex taqbeż tnax-il (12) sena priġunerija, għalkemm illum jirriżulta illi waqt it-trattazzjoni bil-fomm l-avukat prosekutur tassew semma li l-massimu ma kellux jaqbeż tnax-il (12) sena, l-avukati qablu illi flimkien ikellmu lill-akkużat Dr Noel Arrigo bħala President tal-Qorti tal-Appell biex flimkien ifissrulu s-sitwazzjoni. Għalhekk talbu lir-reġistratur biex issir din il-laqgħa *in camera*, u l-laqgħa tal-avukati ma' Dr Noel Arrigo effettivament saret xi tlitt ijiem qabel il-5 ta' Lulju 2002, meta kellha tingħata s-sentenza. Lil Dr Noel Arrigo deherlu illi dak li kellhom igħidulu l-avukati jgħiduh ukoll quddiem l-imħallfin l-oħra u għalhekk ċemplilhom biex isejħilhom. Lill-Onor. Imħallef Joseph Filletti ma sabux iżda sab lil Dr Patrick Vella u dan ġie u

hu wkoll, flimkien ma' Dr Noel Arrigo, semgħu dak li kellhom xi igħidu l-avukati tad-difiża u tal-prosekuzzjoni.

"Wara li telqu l-avukati l-akkużat u Dr Vella qablu illi kellu jsir tnaqqis tal-piena għal tnax-il (12) sena, u Dr Vella mbagħad fit-2 ta' Lulju 2002 kiteb is-sentenza b'dak it-tnaqqis. L-akkużat igħid illi l-għada jew il-pitgħada ta' din il-laqgħa mal-avukati hu għarraf lill-Imħallef Filletti b'din id-deċiżjoni u bir-raġuni għaliha, u l-Imħallef Filletti qabel. L-Imħallef Filletti min-naħa l-oħra jgħid illi kien hu li, wara li rċieva dan l-abbozz tas-sentenza bi tnaqqis ta' erba' (4) snin għal tnax-il (12) sena, talab lill-akkużat għal spjegazzjoni, u li l-ispjegazzjoni li tah l-akkużat issodisfatu.

"Għandu jingħad ukoll illi waqt is-smigħ tax-xiehda fil-kawża tallum ingħad illi Dr Vella kien ħejja abbozz ieħor tas-sentenza li fih it-tnaqqis kien ta' tliet (3) snin għal tlittax-il (13) sena. L-akkużat igħid illi dan l-abbozz ma rahx – ra biss l-ewwel abbozz, dak li ċaħad l-appell, u dak li kien pubblikat fil-5 ta' Lulju 2002 – waqt illi l-Imħallef Filletti ra biss abbozz wieħed, dak finali li ġie pubblikat.

"Is-sentenza mbagħad ingħatat fil-5 ta' Lulju 2002. Għandu jingħad illi dan l-abbozz finali u pubblikat tas-sentenza nbena fuq l-ewwel abbozz – dak taċ-ċaħda tal-appell – fis-sens illi kull ma nbidel (ħlief għal xi bidliet kosmetiċi 'l hawn u 'l hemm) kienet il-konklużjoni. Il-parti li twassal għall-konklużjoni – il-motivazzjoni – baqgħet l-istess, ħlief li żdied paragrafu li jgħid li "l-appellant Mario Camilleri seta' ngħata aktar benefiċċju minħabba l-fatt li hu għoġbu jammetti volontarjament u inkondizzjonatament l-akkużi", meta qabel fl-istess motivazzjoni – u bħala raġuni għala l-appell għandu jiġi miċħud – kien ġà ngħad illi dan il-fattur tal-ammissjoni bikrija kien ġie meqjus mill-ewwel qorti meta tat il-piena ta' sittax-il (16) sena. Fi kliem ieħor, l-istess motivazzjoni li, fl-ewwel abbozz, wasslet għaċ-ċaħda tal-appell, fis-sentenza li ġiet pubblikata wasslet biex l-appell jiġi milqugħ u biex il-piena tinżel minn sittax (16) għal tnax-il (12) sena.

"Minħabba f'dan, il-konklużjoni tista' tidher *non sequitur* meta tqis il-motivazzjoni. Partikolarment relevanti għal din l-osservazzjoni hija dik il-parti tal-motivazzjoni fejn jingħad hekk:

**"'Ix-xiehda mhux kontradetta li hemm fl-atti turi mingħajr ebda dubju ta' xejn li kien qed isir dan it-traffikar mill-appellant b'mod ripetut u f'diversi okkażjonijiet tul firxa ta' xhur. Jirriżulta li l-prezz tal-kokajina li bih l-appellant kien ibigħ din id-droga kien ivarja minn Lm25 sa Lm50 għal kull gramma. Din hi l-prova rilevanti f'dan il-każ u mhux kemm fil-fatt instabet droga,** ***u hija din ir-ripetizzjoni tar-reat li kien wieħed mill-fatturi prinċipali li wasslu lil din il-Qorti għall-konklużjonijiet li sejrin isegwu'***[1].

"Fil-fatt, iżda, kif rajna, il-konklużjonijiet li segwew kienu djametrikament differenti.

"Dawn kienu, biex ngħidulhom hekk, il-manuvri legali li saru bil-ħsieb u bil-għan li titnaqqas il-piena li ngħatat lil Mario Camilleri u s-sentenza li biha twettaq dak il-ħsieb. Fl-istess żmien u minn taħt, iżda, kienu għaddejjin manuvri oħrajn, sinistri u xejn legali, bl-istess ħsieb. Dawn il-manuvri moħbija nkixfu meta s-Servizz tas-Sigurtà, waqt investigazzjonijiet li kien qiegħed jagħmel, interċetta telefonati li matulhom ċerti persuni tkellmu (bla ma kienu jafu li l-awtoritajiet kienu qegħdin jinterċettawlhom it-telefonati) dwar x'għamlu, dwar x'kellhom il-ħsieb li jagħmlu u fejn riedu jaslu, u dwar x'kien qiegħed isir. Is-Servizz tas-Sigurtà għadda r-reġistrazzjonijiet tat-telefonati interċettati lill-Kummissarju tal-Pulizija li kompla jistħarreġ dan il-każ billi interroga xi nies, fosthom l-akkużat Dr Noel Arrigo.

"Il-fatti li nkixfu minn dan l-istħarriġ tal-pulizija wasslu biex jiġu mixlija quddiem dawn il-qrati diversi nies, fosthom l-akkużat. Il-fatti mbagħad li irriżultaw matul is-smigħ ta' din il-kawża quddiem din il-qorti kienu dawn:

"Pierre Camilleri, iben Mario, meta missieru kien il-ħabs wara s-sentenza tal-Qorti Kriminali tal-11 ta' Ġunju 2001 u qabel ma ngħatat is-sentenza mill-Qorti tal-Appell Kriminali fil-5 ta' Lulju 2002, avviċina lil ċertu Joseph Zammit biex dan Zammit jara jistax isib mod kif "igħin" biex il-piena li ngħatat lil missieru titnaqqas. Ta' din l-"għajnuna" Zammit kellu jitħallas.

"Biex jagħti din l-għajnuna Zammit avviċina lil Dr Patrick Vella – wieħed mit-tliet imħallfin tal-Qorti tal-Appell

[1] Enfasi miżjud.

Kriminali – li għall-ewwel ma riedx jaf iżda wara Zammit reġa' avviċinah u wegħdu ħlas ta' għaxart elef lira (Lm10,000) jekk il-Qorti tal-Appell tnaqqas il-piena li kienet ingħatat lil Camilleri. Vella aċċetta.

"Biex ifittex li jikseb ukoll l-għajnuna tal-akkużat Dr Noel Arrigo – li kien ieħor mit-tliet imħallfin tal-Qorti tal-Appell Kriminali – Zammit, fil-preżenza ta' Pierre Camilleri, talab l-intervent ta' ċertu Anthony Grech Sant, li kien ħabib sew u għal żmien twil ta' Dr Noel Arrigo.

"Grech Sant avviċina l-ewwel darba lill-akkużat għall-ħabta ta' Jannar tal-2002, meta l-akkużat, għalkemm kif rajna ġà kien wieħed mill-imħallfin tal-Qorti tal-Appell Kriminali, kien għadu ma huwiex president ta' dik il-qorti. Grech Sant, wara li stqarr mal-akkużat li qiegħed iħossu imbarazzat jagħmillu din il-proposta, għarrfu illi kien hemm min lest jagħtih għaxart elef lira (Lm10,000) jekk fl-appell inaqqas il-piena ta' ħabs li kienet ingħatat lil Camilleri. Grech Sant kompla jgħid hekk:

**"'Darba minnhom ġie l-imħallef għandi u qed ngħidlu l-istorja li kienu ġewni dawn in-nies u qegħdin joffru jekk tista' tnaqqaslu mis-sentenza li għandu qed joffru għaxart elef lira. L-imħallef kien qalli "jien dawn l-affarijiet ma nagħmilhomx"; qalli "nara x'nista' nagħmel". … … … Issa lili l-imħallef kien qalli "jien ma nagħmilx għall-flus". … … … Qalli "nara x'nista' nagħmel. … … … fejn nista' ngħinu ngħinu u flus ma rridx".'**

"L-akkużat igħid illi Grech Sant ma semmilux ismijiet u lanqas ma qallu liema kienet il-kawża fejn ried l-għajnuna tiegħu, u hu lil Grech Sant wieġbu illi flus ma riedx, li ħwejjeġ bħal dawn ma jagħmilhomx u li fil-Qorti tal-Appell Kriminali kien biss wieħed minn tlieta (u dak iż-żmien ma kienx il-president) u li l-kelma tiegħu ma kellhiex wisq piż billi fost it-tlieta kien l-anqas wieħed li kellu esperjenza f'materja penali. Dan il-kliem juri illi għalkemm l-akkużat igħid illi Grech Sant ma semmilux ismijiet u ma semmiex x'kawża kienet, bilfors li qallu għallinqas li kienet kawża fil-Qorti tal-Appell Kriminali Superjuri.

"L-akkużat iżid jgħid illi lil Grech Sant qallu wkoll illi jekk kien qed iħossu jistħi jgħidlu dawn l-affarijiet mela kellu jkompli jistħi.

“Dan kien l-ewwel episodju u l-akkużat igħid illi wara li seħħ neħħieh għal kollox minn moħħu u nesieh.

“It-tieni episodju seħħ minnufih wara l-laqgħa li kienet saret *in camera* bejn l-avukati tal-prosekuzzjoni u tad-difiża u l-akkużat u Dr Patrick Vella – meta allura Dr Vella u l-akkużat kienu ġà ftiehmu fuq tnax-il sena. Wara li ħareġ mill-qorti l-akkużat iltaqa’ fit-triq ma’ Zammit u dan beda jgħidlu li darba kien weħel ħabs bla ma kien jistħoqqlu. Imbagħad beda jkellmu fuq Mario Camilleri; qallu li dwar dan kien ġà kellmu Grech Sant u qallu wkoll li Camilleri kien weħel ħabs aktar milli jistħoqqlu għax “lagħbuh l-avukati”. L-akkużat igħid illi f’din l-okkażjoni ma ssemewx flus u hu ma tah ebda sodisfazzjon lil Zammit.

“Episodju ieħor seħħ fl-4 ta’ Lulju 2002, jum qabel is-sentenza. L-akkużat kien għaddej minn Triq id-Dejqa sejjer f’ħanut tal-qomos f’dik it-triq u biex jasal għal dak il-ħanut kellu jgħaddi minn quddiem l-uffiċċju ta’ Grech Sant. Hemmhekk ra lil Zammit (li huwa magħruf ukoll bil-laqam ta’ *Is-Sei*) u seħħ l-episodju li l-akkużat jirrakkontah b’dawn il-kliem:

**“‘Niftakar li s-*Sei* ġie fuqi u qalli “bonġu”, għidtlu “bonġu”. Imbagħad *out of the blue* qalli “l-każ ta’ Mario Camilleri għal għada”. Qalli “taf hux, għax kien qallek Anthony [Grech Sant] żmien ilu, li dawn disposti joffrulek *drink* ta’ għaxart elef lira?” Għidtlu “*Sei*, jien diġà għidt lil Anthony li jiena flus ma jinteressawnix”; naħseb għidtlu daqsxejn diskors iktar aħrax minn dan, inżilt ghal-livell tiegħu, però ma nixtieqx nirrepetih, għidtlu “flus ma jinteressawnix; jien dejjem għamilt xogħli però – u hawn forsi wieħed għidtlu – jekk dan il-persuna li qed tkellimni fuqu ħaqqu skond il-liġi u d-dritt li titnaqqaslu s-sentenza aħna din se nikkonsidrawha”. Irrid ngħid li minkejja din l-indiskrezzjoni u li svelajt din l-informazzjoni f’dan il-mument għax dan kienet l-4 ta’ Lulju, lejliet tas-sentenza, is-sentenza bi tnax-il sena kienet diġà miktuba u approvata mit-tliet imhallfin tal-appell.’**

“Dak il-ħin inzerta għadda minn hemm is-segretarju tal-Ministru tal-Ġustizza ta’ dak iż-żmien u l-akkużat inqeda b’dan biex jaqta’ l-konversazzjoni ma’ Zammit.

"Xi ħin wara dan l-episodju l-akkużat irċieva telefonata mingħand Grech Sant. L-akkużat jirrakkonta dan l-episodju hekk:

**"'… … … imbagħad nikkalkula li xi siegħa u nofs sagħtejn wara rċevejt telefonata l-uffiċċju mingħand Anthony Grech Sant u jekk niftakar sew qalli "kien hawn is-*Sei* u qalli li inti ġejt tfittxni". Għidtlu "Ie, ma ġejtx partikolarment infittxek; kont għaddej minn ħdejn l-uffiċċju tiegħek u dan forsi ppresumieh is-*Sei*". Qalli "qed ikolli ammont ta' pressjoni minghand is-*Sei*". Ma nahsibx li semmieli lil Pierre Camilleri jien. Jiena Pierre Camilleri ma nafux; rajtu l-bieraħ il-qorti però qatt ma ltqajt miegħu u naħseb li semmieli lis-*Sei* biss. F'dak il-ħin jiena naċċetta li meta Grech Sant qalli li qed ikollu din il-pressjoni mingħand is-*Sei* biex jingħata ċertu informazzjoni jien għidtlu li s-sentenza se tingħata għada bi tnax-il sena. F'din it-telefonata però żgur li ma ssemmewx flus.'**

"L-għada mbagħad, il-5 ta' Lulju 2002 filgħodu, ingħatat is-sentenza.

"Dakinhar wara nofsinhar, meta l-akkużat kien reġa' dieħel il-Belt Valletta biex imur fl-uffiċċji ta' kumpannija kummerċjali tal-familja tiegħu, ċempillu Grech Sant li staqsih fi x'ħin kien sejjer ikun l-uffiċċju: "Fi x'ħin inti dieħel ħa neħles minnhom?"

"Għandu jingħad hawnhekk illi Grech Sant ċempel lill-akkużat għal dan l-appuntament għax wara s-sentenza kienu marru għandu Zammit u Pierre Camilleri b'pakkett – li qalulu li kien fih ħamest elef lira (Lm5,000) – biex quddiemhom igħaddih lill-akkużat. Grech Sant ma riedx ikollu aktar x'jaqsam fil-biċċa u kellu argument magħhom għax deherlu li, la kienu wegħdu għaxart elef lira (Lm10,000), ma kinux irġiel jekk kienu sejrin jagħtu biss ħamest elef (Lm5,000). Ma dehrlux li kellu jgħidilhom illi l-akkużat fil-fatt ma ried xejn flus u li għalhekk lanqas dawk il-ħamest elef (Lm5,000) ma kien hemm għalfejn jagħtuh.

"Minkejja l-fatt illi Zammit u Camilleri ma kinux żammew il-kelma ta' għaxart elef lira (Lm10,000), Grech Sant aċċetta li jmur iwassal il-pakkett għand l-akkużat għalkemm ma aċċettax li dan jagħmlu quddiem l-oħrajn. Għalhekk fuq it-*telephone* għamel appuntament mal-akkużat biex imur jarah fl-uffiċċju tiegħu.

"Dwar din it-telefonata l-akkużat igħid illi lil Grech Sant qallu biex ma jiġi xejn. Qal ukoll illi ma jistax igħid illi ma immaġinax illi Grech Sant ried ikellmu fuq is-sentenza; ittama li ma jiġix iżda fehem li kien ġej xorta.

"Grech Sant igħid illi kif daħal l-uffiċċju tefa' l-pakkett bil-flus fuq il-mejda; anzi, f'ħin minnhom igħid illi l-pakkett tah lill-akkużat u kien dan li tefgħu fuq il-mejda. L-akkużat ma qallux ħudhom lura. Grech Sant jirrakkonta dan l-episodju hekk:

**"'Xhud: Kull m'għamilt għidtlu "dan l-*envelope* huwa bil-flus"; imbagħad qagħadna nitkellmu ta' ħbieb li aħna.**

**Prosekutur: Hu x'qallek dak il-ħin meta tajtu l-flus?**

**Xhud: Qagħadna nitkellmu biss.**

**Prosekutur: Meta tajtu l-flus inti, hu x'qallek?**

**Xhud: Xejn.**

**Qorti: Ħa nkunu preċiżi: meta tajtu l-*envelope*?**

**Xhud: Just *friendly talk* u xejn iktar u wara ftit tlaqt 'il barra.**

**Qorti: Wieġbek xi ħaġa l-imħallef meta għidtlu dan l-*envelope* għalik?**

**Xhud: Nitkellmu ħbieb.**

**Qorti: Imma fuq l-*envelope* qallek xi ħaġa?**

**Xhud: Le, xejn; *that's all*.**

**Prosekutur: Meta inti cempiltlu lill-imħallef, f'xi ħin staqsiek għalfejn kellek tiġi inti?**

**Xhud: *No*, ma qallix.**

**Prosekutur: U meta tajtu l-pakkett ma qallekx iridux?**

**Xhud: Ħadha *for granted* li huma ghal dik l-istorja.'**

"L-akkużat igħid illi l-pakkett bil-flus Grech Sant tefgħu fuq il-mejda lejn tmiem il-konversazzjoni u mhux fil-bidu, kif igħid Grech Sant. Igħid illi hu baqa' mbellah – *flabbergasted* – b'dak li ġara u ma kienx jaf kif kellu jirreaġixxi għax kellu konfużjoni f'moħħu. Kompla jgħid hekk:

**"'Jiena dak il-ħin, apparti milli kont sorpriż għax ma tlabthomx jien dawn, irrifjutajthom; għalfejn kellhom jigu bihom? Però dak il-ħin għidtlu "mhux diġà għidtlek kemm-il darba li jiena flus ma rridx?" U**

**niftakar eżatti x'kienet ir-risposta tieghu. Qalli "inti mhux xogħlok għamilt? Imbilli tieħu rigal talli għamilt xogħlok?" Qalli "*in ogni caso* dawk – ma qallix min huma – qed jistennewni barra"; jista' jkun qalli "qed jistennewni". Jien għandi l-impressjoni li qalli "qed jistennewni barra. Jiena la ġejt bihom ma nistax nitlaq mingħajrhom; ma nafx il-għala involvejt ruħi ma' dawn in-nies … … …" U telaq 'il barra.'**

"Fil-fatt lil Grech Sant ħallieh jitlaq bla ma qallu jieħu l-flus lura miegħu u bla ma tefagħhomlu lura lejh. Grech Sant, kif rajna, jiċħad li kien hemm diskors bħal dan.

"L-akkużat igħid illi inkwieta ħafna u mar fl-uffiċċju ta' Joseph Galea – *manager* tal-kumpannija u ħabib tal-qalb tiegħu – biex igħidlu xi ġralu, iżda Galea inzerta ma kienx hemm dakinhar. Il-flus ħadhom id-dar miegħu, San Pawl il-Baħar, u għamel lejl ma setax jorqod. L-għada fil-għodu, is-Sibt 6 ta' Lulju 2002, qatagħha li l-flus jagħtihom karità ladarba ma setax jagħtihom lill-pulizija għax kien, sa ċertu punt, ikkomprometta ruħhu billi ma irrapportax l-offerti ta' flus li kienu sarulu u billi wkoll kien kixef informazzjoni ma' Grech Sant dwar sentenza qabel ma ngħatat.

"Kompla li, qabel ma jagħti l-flus għall-karità, billi beża' li l-flus setgħu kienu foloz u ma riedx li għall-karità jagħti flus foloz, fetaħ il-pakkett bla ma għadd il-flus li kien hemm fih u ħa mill-pakkett żewġ karti ta' għoxrin lira (Lm20). Dawn nefaqhom dakinhar stess biex jara kinux foloz: waħda nefaqha fi spiżerija u l-oħra f'ħanut tax-xorb.

"Mid-dar mar il-Belt Valletta lejn l-uffiċċji tal-kumpannija bil-ħsieb li jsib lil Joseph Galea u jiftaħ qalbu miegħu. Billi kien is-Sibt l-uffiċċju kien magħluq u, billi l-akkużat ma għandux ċwievet, sejjaħ lil Galea fuq l-*intercom* biex jiftaħlu. Dak il-ħin stess ġie Zammit fuqu u bejniethom għadda kliem li l-akkużat jirrakkontah hekk:

**"'Kien propju l-ħin li s-Sur Galea qed jiftaħli l-bieb u jiena lis-*Sei* daħħaltu fl-ewwel biċċa tal-uffiċċju, jiġifieri ma daħħaltux fl-uffiċċju. Qalli "Anthony ġabhomlok dawk?" Qalli "issa fi żmien xahrejn inġibulek l-oħrajn" u kienet f'din l-okkażjoni li jiena bil-*forma mentis* li diġà kelli li l-ewwel ħamest elef lira se ntihom karità, li lis-*Sei* dak il-ħin stess għidtlu "jiena flus ma rridx; jekk għandkom flus żejda tuhom**

**lill-karità jew lid-drogati" u dan m'għidtux jien għax ridt inżomm nofs is-somma u n-nofs l-oħra ma ridthiex: dan għidthulu għax il-*forma mentis* li kelli kien dak u din ħarġitli b'mod naturali meta għidtlu lis-*Sei* fuq it-tieni ħamest elef lira. Huwa minnu li f'din l-okkażjoni u jien hawnhekk għall-ewwel darba sirt naf li seta' kien hemm xi ħadd ieħor involut, mhux qabel; ninnega b'mod assolut li qabel is-sentenza s-*Sei* semmieli lill-Imħallef Patrick Vella. Ninnegah bl-aktar mod assolut dan. Kien hawn li semmieli lill-Imħallef Patrick Vella.'**

"Imbagħad l-akkużat baqa' tiela' fl-uffiċċju ta' Joseph Galea biex igħidlu bil-biċċa li kienet ġratlu, li offrewlu l-flus, li irrifjutahom u li minkejja dan tawh elf u ħames mitt lira (Lm1,500). L-akkużat hawn jistqarr illi, għalkemm il-flus ma kienx għaddhom, kien jaf għax qalulu Grech Sant u Zammit li kienu tawh ħamest elef lira (Lm5,000), iżda lil Galea qallu li tawh biss elf u ħames mitt lira (Lm1,500) biex bħallikieku jnaqqas l-importanza tal-ħaġa.

"Galea xehed ukoll dwar dan l-episodju u essenzjalment jikkonferma dak li l-akkużat igħid li qallu – li lilu kien qallu li l-flus kien irrifjutahom, li tawhomlu kontra r-rieda tiegħu u li kienu elf u ħames mitt lira (Lm1,500) – ħlief li Galea jgħid illi l-akkużat kien qallu li beda jonfoq mill-flus "biex jeħles minnhom". Qal ukoll illi l-akkużat kien ikkonfondut, konfuż u irrabjat.

"Għandu jingħad ukoll illi, meta kien interrogat l-ewwel darba mill-pulizija, Galea irrakkontalhom storja oħra, u kien biss wara li kien konfrontat bil-fatt illi l-istorja ma setax seħħet kif u meta irrakkonta hu, għax sar magħruf li dakinhar inzerta kien post ieħor u mhux l-uffiċċju, illi Galea kixef il-verità ta' dak li kien qallu l-akkużat. Meta xehed quddiem din il-qorti Galea qal illi dik l-istorja kien ivvintaha hu, fuq inizjattiva tiegħu biex mingħalih igħin lill-akkużat, u mhux għax talbu xi ħadd biex igħin.

"F'dan iż-żmien ta' Lulju 2002 l-akkużat kellu jmur Londra ma' ibnu. Billi f'Londra kien jaf Saċerdot Għawdxi li kien konfessur tiegħu, deherlu li qabel ma jwettaq il-pjan tiegħu li l-flus jagħtihom karità jieħu l-parir ta' dan dwar fejn kien l-aħjar li jagħmel din il-karità. Għalhekk meta kien Londra mar ifittxu iżda ma sabux għax kien Għawdex għand il-

ġenituri tiegħu. Billi s-Saċerdot sar jaf li kien mar ifittxu l-akkużat, ċempillu u ftiehmu li kellhom jiltaqgħu Għawdex.

"Ġara li fl-1 t'Awissu 2002 kellha ssir laqgħa akkademika għall-imħallfin f'Għawdex u għalhekk l-akkużat u dan is-Saċerdot ftiehmu li jiltaqgħu l-ġurnata ta' qabel, il-31 ta' Lulju 2002. L-akkużat tela' Għawdex il-lejl ta' qabel. Dakinhar, meta kien għadu Malta, id-*driver* tal-akkużat qallu illi l-pulizija kienet arrestat lil Grech Sant, lil Zammit u lil ċertu wieħed imlaqqam *Druby*. Dan ħasseb lill-akkużat għax beża' li l-arrest, għallinqas dak ta' Grech Sant u ta' Zammit, kellu x'jaqsam mal-offerti ta' flus.

"Meta għalhekk kellem lis-Saċerdot Għawdxi l-ewwel darba fuq din il-biċċa l-akkużat kellu għax jaħseb illi l-pulizija kienet taf xi ħaġa, u illi kienet taf biżżejjed biex tarresta xi nies ukoll. Mar sab lil dan is-Saċerdot fid-dar tal-ġenituri tiegħu fis-Sannat u, barra mill-Qrar, qallu fuq dawn il-flus li ġew għandu bla ma riedhom, li ried jagħtihom karità u dwar fejn kien l-aħjar li jagħmel din il-karità. Dakinhar waslu għall-konklużjoni li l-aħjar kien li jagħtihom lill-Knisja Kattolika fl-Ingilterra. Minkejja dan, l-akkużat igħid ukoll illi dakinhar il-flus ma tahomx lil dan is-Saċerdot "għax konna għadna ma wasalna għal ebda konklużjoni fejn kelli nibgħathom".

"Saret il-laqgħa akkademika tal-imħallfin u l-akkużat niżel lura Malta. Meta wasal Malta ġie arrestat u nġieb fil-kwartieri ġenerali tal-pulizija. Hemmhekk kien interrogat mill-Kummissarju tal-Pulizija u minn uffiċjali għolja tal-korp. Fl-istqarrija li għamel lill-pulizija, għalkemm ammetta li għamel xi indiskrezzjonijiet u kellu xi nuqqasijiet, l-aktar għax ta tagħrif dwar is-sentenza qabel ma ġiet pubblikata u għax ma irrapportax lil min għamillu offerta ta' flus, ċaħad li fil-fatt il-flus ingħatawlu. Semma lil Galea bħala xhud li seta' jikkorrobora dak li kien qed igħid. Fil-fatt Galea għall-ewwel ikkonferma mal-pulizija dak li kien qalilhom l-akkużat billi irrakkontalhom "l-istorja" li, kif rajna fuq, qal illi ħareġ biha hu fuq inizjattiva tiegħu, iżda, meta nqabad f'gidba, beda jibki u ammetta illi l-akkużat kien qallu li kien ingħata elf u ħames mitt lira (Lm1,500).

"Konfrontat b'dak li Galea kien qal lill-pulizija, l-akkużat xorta kompla jiċħad li ngħatawlu flus u beda jgħid li Galea fehmu ħażin. Imbagħad, lejn tmiem l-interrogazzjoni, beda jirrifjuta li jwieġeb u beda jinsisti fuq il-jedd tiegħu li

ma jweġibx. Quddiem din il-qorti mbagħad xehed illi kien lest jagħmel stqarrija addizzjonali, li fiha kien jammetti li ngħata l-flus, li kieku tħalla jmur id-dar biex jitkellem ma' martu. Il-Kummissarju tal-Pulizija korrettement irrifjuta li jħallih imur id-dar u minflok ressqu l-qorti. F'dan l-istadju, billi issa kienu nbdew il-proċeduri ġudizzjarji kontrieh, lill-akkużat deherlu li ma kellux jagħmel stqarrijiet oħra u li dak li kellu jgħid igħidu fil-proċess tallum quddiem din il-qorti.

"Illum l-akkużat jammetti li l-istqarrija li kien għamel lill-pulizija fiha "elementi li ma kinux veraċi" li kien qalhom bħala tattika biex jisvija lill-Kummissarju tal-Pulizija.

"Wara dan kollu l-akkużat irċieva ittra mingħand is-Saċerdot Għawdxi b'suġġeriment li l-flus jintbagħtu l-Brażil. Billi iżda f'dan l-istadju l-akkużat kien taħt arrest fid-dar tiegħu, u għalhekk ma setax joħroġ mid-dar biex imur il-bank u jibgħat il-flus, dan ma kienx possibbli. Il-flus għalhekk, wara li radd l-erbgħin lira (Lm40) li kien nefaq, bagħathom ma' Saċerdot ieħor, din id-darba taħt is-siġill tal-Qrar, biex jingħataw lill-Kummissarju tal-Pulizija. Kienet din, igħid l-akkużat, l-ewwel darba li għadd il-flus.

"Dan is-Saċerdot l-ieħor fis-16 t'Awissu 2002 ta l-flus lill-Kummissarju, naturalment bla ma qallu min kien tahomlu.

"Naraw issa kif dawn il-fatti għandhom jiġu valutati u interpretati u naraw ukoll jekk iwasslux jew le għall-konvinċiment morali, lil hemm minn kull dubju dettat mir-raġuni, li l-akkużat huwa ħati tal-akkużi miġjuba kontrieh.

"Fil-fehma tal-qorti, ix-xiehda li titfa' l-aktar dawl fuq il-fatti ċentrali u essenzjali ta' dan il-każ hija dik tal-akkużat stess, ta' Anthony Grech Sant u ta' Joseph Zammit, u, forsi ftit aktar marġinalment, ta' Joseph Galea. Kienet tkun utli wkoll ix-xiehda ta' Mario Camilleri u ta' Pierre Camilleri iżda dawn igħidu li ma jiftakru xejn.

"Minn dawn kollha l-qorti tgħid bla tlaqliq li x-xiehda li l-aktar li tista' tistrieħ fuqha hija dik ta' Anthony Grech Sant. Dan huwa bniedem li żbalja, li qiegħed iħallas il-prezz tal-iżball tiegħu, u li issa ma għandu ebda interess ħlief dak illi jrid jeħles darba għal dejjem minn din il-biċċa billi jgħid is-sewwa, is-sewwa kollu u xejn anqas mis-sewwa.

"Mhux l-istess jingħad għall-oħrajn.

"L-akkużat beda x-xiehda tiegħu b'ammissjoni li l-istqarrija li għamel lill-pulizija kien fiha elementi ta' verità u

"elementi oħra li ma kinux veraċi"; fi kliem ieħor lill-pulizija gidbilhom. Kienet stqarrija "tattika" biex lill-pulizija jitfagħhom fuq pista żbaljata:

**"'Bdejt *invece* nikkonċentra fuq il-fatt tal-indiskrezzjonijiet tiegħi u dan ngħid bil-ġurament li jiena fl-istqarrija li tajt mal-pulizija jiena dawn kważi esaġġerajthom. Din kienet tattika li jiena wżajt fl-interrogazzjoni li nipprova nwassal lill-Kummissarju – minix qed ngħid b'xi suċċess kbir – li naċċetta li jiena bdejt niżvela xi informazzjoni però dan kienet l-unika ħaġa li jien għamilt ħażin u l-unika ħaġa li ma kinitx etika, l-unika ħaġa li ma kinitx korretta.'**

"Tassew li din ma kinitx stqarrija taħt ġurament iżda ma kinitx stqarrija ta' min kliemu huma "Iva, iva, u le, le". Ma jistax ċertament jingħad li ma ddgħajjifx xi ftit jew wisq il-kredibilità tal-akkużat.

"Il-qorti temmen ukoll illi l-ammissjoni tal-akkużat, magħmula quddiemha, li hu gideb lill-pulizija hija mossa tattika oħra, għax biha l-akkużat qiegħed ifittex li jieħu lura billi jgħid li huma esaġġerati dawk il-partijiet tal-istqarrija oriġinali li fihom ammetta li għamel ħażin u fl-istess ħin qiegħed jieħu lura wkoll dawk il-partijiet – iċ-ċaħda li ħa l-flus – li fid-dawl ta' dak li kien sejjer jixhed Joseph Galea f'dan il-proċess – li l-qorti ma għandhiex l-iċken dubju li l-akkużat kien jafu – ma baqax aktar tenibbli. Kif sejjer jingħad aktar 'il quddiem, kien hemm elementi oħra "tattiċi" fl-imġieba tal-akkużat.

"Naturalment, dan ma jfissirx illi b'xi mod inbidel l-oneru tal-prova li jrid lill-prosekuzzjoni tagħmel il-prova tal-ħtija lil hemm minn kull dubju dettat mir-raġuni, jew li tqiegħed xi oneru ġdid fuq l-akkużat jew wieħed ogħla minn dak li trid il-liġi; ifisser biss illi l-qorti mhux faċilment sejra temmen lill-akkużat, aktar u aktar fejn il-verżjoni mogħtija minnu ma taqbilx ma' dik mogħtija minn xhieda li huma aktar ta' min joqgħod fuqhom.

"Dwar Galea l-qorti temmen illi, fis-sustanza, dan qal il-verità dwar x'qallu l-akkużat meta stqarr miegħu li kien ħa l-flus, għalkemm ma temmnux meta qal illi "l-istorja" li irrakkonta lill-pulizija qabel ma nqabad f'gidba kienet inizjattiva tiegħu waħdu u li ħadd ma talbu jivvinta din l-istorja biex igħin lill-akkużat. Kien l-akkużat stess illi lil Galea semmieh mal-pulizija bħala xhud li seta' jsaħħaħ

dak li kien qiegħed igħidilhom hu. Ċertament, l-akkużat ma kienx sejjer jagħmel hekk li ma kienx jaf x'kienet sejra tkun il-verżjoni oriġinali li Galea jgħid illi ivvintaha waħdu. Galea qiegħed, ukoll f'dan l-istadju, ifittex li jagħmel l-aħħar tentativ *in extremis* biex igħin lill-akkużat. Dan, fih innifsu, ma huwiex relevanti għall-għanijiet tal-kawża tallum għax l-akkużat ma huwiex mixli li ġiegħel lil min jigdeb bil-ġurament iżda jkompli juri kemm huwa meħtieġ li l-qorti toqgħod attenta meta tiġi biex tara x'temmen u x'ma temminx.

“Ix-xiehda ta' Zammit ukoll il-qorti ma tarax li tista' toqgħod wisq fuqha. Hija konfuża u f'kull każ ma żżidx wisq ma' dak li irriżulta minn xiehda oħra.

“Hemm ukoll l-interċettazzjonijiet telefoniċi. Għalkemm dawn kellhom l-utilità tagħhom, għax kien bis-saħħa tagħhom li l-istorja nkixfet u jistgħu wkoll jitfgħu dawl fuq fatti oħra illi rriżultaw minn xiehda li ngħatat quddiem il-qorti, madankollu id-diskorsi saru fil-biċċa l-kbira bejn nies midħla tal-kriminalità, li kellhom interess li jimmanuvraw ukoll kontra xulxin, li jqarrqu b'xulxin, li jfinġu u juru wiċċ b'ieħor u li l-kelma tagħhom ma tistax toqgħod fuqha. Il-qorti sejra għalhekk toqgħod fuq ix-xiehda li ngħatat quddiemha għax temmen illi kull konklużjoni mibnija fuq dak li nstema' waqt l-interċettazzjonijiet tkun waħda perikoluża u prekarja.

“Ngħaddu issa biex naraw l-elementi tar-reati li bihom l-akkużat huwa mixli u jekk dawn jirriżultawx jew le, lil hemm minn kull dubju dettat mir-raġuni, mix-xiehda miġjuba quddiem il-qorti u li l-qorti temmen li tista' toqgħod fuqha.

“L-ewwel kap tal-att ta' akkuża huwa mibni fuq l-art. 115(*b*) u (*ċ*) tal-Kodiċi Kriminali:

**“‘115. Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li, in konnessjoni mal-kariga jew impieg tiegħu, jitlob, jirċievi jew jaċċetta għalih jew għal ħaddieħor xi rigal jew wegħda jew offerta ta' xi rigal fi flus jew f'utli ieħor, jew ta' xi vantaġġ ieħor, li għalihom huwa ma jkollux jedd, jeħel, meta jinsab ħati –**

**… … …**

**(*b*) jekk l-iskop ikun sabiex l-uffiċjal jew impjegat jonqos li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, għall-fatt biss li jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-**

**offerta, il-piena ta' priġunerija minn erba' xhur sa tmintax-il xahar;**
**(ċ) jekk, barra milli jkun aċċetta l-ħlas, il-wegħda jew l-offerta, l-uffiċjal jew impjegat ikun fil-fatt naqas li jagħmel dak li hu fid-dmir tiegħu li jagħmel, il-piena ta' priġunerija minn sitt xhur sa tliet snin.'**
"Biex ikun ħati ta' dan ir-reat l-uffiċjal pubbliku jrid ikun talab, irċieva jew aċċetta rigal jew wegħda ta' rigal, ukoll jekk għal ħaddieħor, biex jonqos li jagħmel id-dmir tiegħu. Ir-reat ikun aktar gravi jekk l-uffiċjal effettivament jonqos milli jagħmel id-dmir tiegħu.
"L-aċċettazzjoni trid tkun saret qabel, u mhux wara, li jkun sar in-nuqqas tal-qadi tad-dmir, iżda hija biżżejjed l-aċċettazzjoni tal-wegħda, mhux ukoll tal-ħlas ta' dak imwiegħed. Fi kliem ieħor, jekk l-uffiċjal pubbliku jaċċetta l-wegħda magħmula lilu bil-għan li jonqos minn dmirijietu, effettivament jonqos minn dawk id-dmirijiet u jitħallas wara li jkun naqas, ikun ħati ta' dan ir-reat għalkemm il-ħlas ikun sar wara n-nuqqas. Jekk, min-naħa l-oħra, l-uffiċjal ikun irrifjuta l-offerta iżda, wara li jkun sar il-fatt, jaċċetta l-ħlas, ma jkunx ħati taħt dan l-artikolu.
"Il-wegħda wkoll trid tkun ta' flus, jew utli jew vantaġġ li għalihom dak li jaċċetta l-offerta ma jkollux jedd.
"Fil-każ tallum, li saret u kienet imtennija l-offerta ta' ħlas ta' għaxart elef lira (Lm10,000) jirriżulta ampjament u ma huwiex kontestat. Lanqas ma huwa kontestat illi l-akkużat huwa uffiċjal pubbliku. Iżda jirriżulta lil hemm minn kull dubju li l-akkużat aċċetta l-offerta?
"Il-qorti ma għandhiex dubju li dan huwa l-każ. Il-kliem, ripetut kull meta saret l-offerta, li "flus ma rridx" kien biss mossa tattika oħra tal-akkużat, mossa prudenti biex jekk min ikun għamel l-offerta jikxef il-fatt, l-akkużat ikun jista' jgħid illi hu ma aċċettax. Iżda kieku tassew ried jirrifjuta l-offerta, u jagħlaq, isakkar u jimbarra l-bieb għal proposti perikolużi bħal dawn, l-akkużat kien jirrifjuta li jkompli l-konversazzjoni u mhux ikompli jgħid illi jara x'jista' jagħmel. Dan kien messaġġ moħbi imma ċar illi l-bieb għadu mbexxaq, u min kellu jifhem il-messaġġ fehmu. L-akkużat ma qalx "le, *punto e basta*": qal "nara x'nista' nagħmel; nara ħaqqux u jekk ħaqqu nagħtihulu; nara xi jridu l-ħaqq u s-sewwa." Tant fehmu Grech Sant illi meta Zammit u Pierre Camilleri qalulu li kienu sejrin iħallsu

ħamest elef lira (Lm5,000) u mhux għaxra (Lm10,000) ma qalilhomx li setgħu ma jħallsu xejn għax l-akkużat ma ried xejn.
"Ftehim bħal dan ma jsirx b'forom u bi kliem sagramentali.
"Ukoll, l-intenzjoni ta' bniedem tidher mhux biss minn kliemu, aktar u aktar meta l-kliem ikun ta' bniedem intelliġenti li jaf ukoll jimxi "tattikament", u meta għalhekk l-intelliġenza ssir ukoll ħażen; l-intenzjoni tidher ukoll, u forsi aktar, mill-għemil. U l-aktar għemil ċar li juri l-intenzjoni kienet l-imġieba tal-akkużat meta Grech Sant ġablu l-flus.
"Hawnhekk il-qorti trid tgħid illi temmen lil Grech Sant dwar x'ġara meta dan lill-akkużat ħadlu l-flus: li l-flus tahomlu l-ewwel ħaġa malli daħal, li baqgħu jitkellmu bħallikieku din kienet laqgħa normali bejn ħbieb, li l-akkużat ma qal xejn dwar il-flus u ma qallux jeħodhom lura, u li l-akkużat wera li kien fehem x'ġara.
"L-imġieba tal-akkużat ma kinitx ta' wieħed li nħasad u ma kienx jaf x'sejjer jaqbad jagħmel meta rċieva l-flus. Kienet ta' wieħed li kien qiegħed jistenna dak li ġara, xejn ma issorprendih, u baqa' jitkellem ma' ħabib bħallikieku ma ġara xejn ta' barra minn hawn. Ma kienx u ma kellux għalfejn ikun *flabbergasted* għax dan l-aħħar att tal-ftehim – il-ħlas – ma ġiex bħal sajetta fil-bnazzi. Fil-fatt kien jaf minn qabel li ġej ikellmu Grech Sant, hu stess qal li seta' jobsor fuq xiex, kien jaf li ġà saret offerta ta' flus qabel, u kellu ħin biżżejjed biex iħejji ruħu u jkun jaf kif kellu jilqgħu meta jiġih bil-flus. Minn dan kollu ma għamel xejn għax l-affarijiet ġraw kif kien qiegħed jistenniehom u kif riedhom li jiġru hu, bis-saħħa ta' ftehim milħuq minn qabel.
"Il-flus aċċettahom tant li beda jonfoq minnhom. Beda jonfoqhom biex jaħsilhom u mhux biex jara kinux foloz. La spiżerija u wisq anqas ħanut tax-xorb ma huma postijiet fejn tmur biex tara flus humiex foloz.
"Jista' jkun illi l-akkużat tassew għamel il-ħsieb li l-flus jagħtihom karità, għalkemm il-qorti temmen li dan il-ħsieb ifformah wara li rċevihom, kif wara kollox xehed hu stess. Dan ma għandux wisq relevanza għall-għanijiet ta' sejbien ta' ħtija, għax l-art. 115 stess igħid illi l-flus jistgħu jkunu għalih jew għal ħaddieħor. Iżda jekk tassew ried jagħti l-flus għall-karità kellu żmien u opportunità biżżejjed li jagħmel hekk qabel ma ġie arrestat fl-1 t'Awissu 2002.

Hawn biżżejjed istituti f'Malta fejn il-karità tista' ssir anonimament, u jekk tassew ried li l-flus imorru l-Ingilterra x'żammu milli jagħtihom lis-Saċerdot Għawdxi fil-31 ta' Lulju 2002? Mhux aktar jagħmel sens jagħtihomlu meta dan kien għadu f'dawn il-Gżejjer, flok ikollu jgħaddihom mis-sistema bankarju biex jibgħathomlu Londra wara li jkun telaq? Jekk tassew sar il-ħsieb li l-flus imorru għall-karità, il-flus setgħu jingħataw lis-Saċerdot Għawdxi għalkemm kienu għadhom ma iddeċidewx preċiżament għal liema karità jmorru; is-Saċerdot seta' żammhom hu sakemm jiddeċiedu. Hemm ħafna xi jħasseb lill-qorti li l-ħsieb tal-karità nħoloq meta l-akkużat sar jaf li l-pulizija kienu bdew jinvestigaw, iżda, kif ġà ngħad, dan ma huwiex wisq relevanti għall-għanijiet ta' sejbien ta' ħtija.

"Il-qorti għalhekk temmen illi l-akkużat aċċetta l-wegħda ta' ħlas qabel il-5 ta' Lulju 2002 u aċċetta t-twettiq tal-wegħda fis-6 ta' Lulju 2002. Il-qorti temmen dan bla ma għandha għalfejn toqgħod fuq l-argument tal-prosekuzzjoni illi Pierre Camilleri u Zammit ma kinux sejrin jagħtu l-flus lill-akkużat jekk dan tassew ma ridhomx, u li kienu jżommuhom għalihom. Il-qorti ma toqgħodx fuq dan l-argument għax tara li huwa plawsibbli l-kontro-argument tad-difiża li Camilleri u Zammit kellhom interess li lill-akkużat jikkompromettuh biex aktar faċilment ikunu jistgħu jinqdew bih f'okkażjonijiet oħra. Ma kienx dan l-argument tal-prosekuzzjoni li wassal lill-qorti għall-konklużjoni li waslet għaliha.

"Lanqas ma jidhrilha l-qorti li għandha tidħol fil-kwistjoni ta' xi tfisser il-kelma tal-akkużat meta qal li dan kollu għamlu biex "jinvesti fil-ħbiberija", u jekk dan l-investiment fil-ħbiberija huwiex vantaġġ jew utli għall-għanijiet tal-art. 115 tal-Kodiċi Kriminali. Il-qorti temmen li l-akkużat għamel dak li għamel minħabba l-wegħda tal-flus – flus li ma kellux jedd għalihom – u mhux għall-ħbiberija.

"Jonqos li naraw jekk l-akkużat tassew naqasx milli jaqdi dmirijietu minħabba f'din il-wegħda ta' flus magħmula u aċċettata qabel il-5 ta' Lulju 2002.

"L-akkużat igħid illi dmirijietu qdiehom għax is-sentenza tal-5 ta' Lulju 2002 kienet waħda ġusta, għal ħafna raġunijiet, fosthom l-ammissjoni bikrija, il-parametri oġġettivi li joħorġu minn preċedenti ġudizzjarji u dawk miftiehma bejn prosekuzzjoni u difiża, il-laqgħa *in camera*

mal-avukati, il-fatt illi l-art. 453A tal-Kodiċi Kriminali kien laħaq daħal fis-seħħ, il-fedina penali li fiha ma kienx hemm reati oħra dwar droga, il-fatt illi t-tliet imħallfin qablu, fosthom l-Imħallef Filletti li qatt ma ċċappas b’dell ta’ korruzzjoni.

“Mas-sentenza tista’ taqbel u tista’ ma taqbilx; tista’ wkoll tgħid illi l-motivazzjoni tagħha twasslek għal konklużjonijiet differenti. Dan kollu iżda huwa irrelevanti. Id-dmir tal-akkużat bħala mħallef ma kienx biss li jagħti sentenza ġusta u tajba; kien li ma jħallix li fil-konsiderazzjonijiet li jwassluh għas-sentenza jidħlu fatturi barra mill-proċess ġudizzjarju, bħal ma huma wegħdiet ta’ flus. Dan id-dmir joħroġ ċar mid-disposizzjonijiet tal-art. 8 u mill-ġurament tal-ħatra miġjub fl-art. 10 tal-Kodiċi ta’ Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili:

**“‘Jiena … … … naħlef li nagħmel bis-sewwa d-dmirijiet ta’ mħallef bla favuri u mingħajr ma nżomm ma ħadd, kif irid il-ħaqq u l-jedd, u kif iridu l-liġijiet u d-drawwiet ta’ Malta, għall-gieh t’Alla u tar-Repubblika ta’ Malta, u li ma nikkomunika, direttament jew indirettament, ma’ ebda waħda mill-partijiet f’kawża f’waħda jew oħra mill-qrati superjuri jew inferjuri, lanqas ma l-avukati jew prokuraturi legali tagħhom, lanqas ma’ ħaddieħor, fl-isem ta’ waħda jew oħra mill-partijiet, dwar kawża li tkun għad ma nqatgħatx, jew li tkun sejra tibda jew tissokta f’waħda mill-qrati hawn fuq imsemmija, barra minn fil-qorti bil-miftuħ, ħlief fil-każijiet li l-liġi ssemmi espressament; u li jiena nxandar fil-qorti bil-miftuħ, dawk il-komnikazzjonijiet li jsiruli u ngħarraf bihom lill-President tar-Repubblika.’**

“Dan qiegħed jingħad mhux għax l-akkużat huwa mixli li kiser il-ġurament tal-ħatra; qiegħed jingħad għax l-akkużat huwa mixli li minħabba wegħda ta’ flus ma wettaqx dmirijietu, u dawk id-dmirijiet joħorġu wkoll mill-ġurament tal-ħatra. Meta ikkomunika ma’ Grech Sant u ma’ Zammit fl-interess ta’ Mario Camilleri, sema’ dak li kellhom xi jgħidulu dwar każ li kien għadu qiegħed jinstema’ u aċċetta l-wegħda li għamlulu, kiser dan id-dmir, u ma jista’ qatt ikollna s-serħan tal-moħħ illi fost il-konsiderazzjonijiet li wasslu għas-sentenza ma kienx hemm ukoll dawn il-fatturi illeġittimi. Huwa dak is-serħan tal-moħħ li trid il-liġi meta timponi dawk id-dmirijiet fuq l-

imħallfin, u huwa dak is-serħan tal-moħħ li, minħabba f'dak li għamel u li ħalla li jsir l-akkużat, ma jista' issa qatt ikollna.
"Il-qorti temmen u tgħid illi lanqas waħdu, fil-qalb ta' qalbu, ma jista' l-akkużat igħid lilu nnifsu b'ċertezza assoluta li s-sentenza kienet tkun dak li kienet li kieku ma seħħx dak kollu li seħħ.
"L-akkużat huwa għalhekk ħati ta' dak li ġie mixli bih fl-ewwel kap tal-att ta' akkuża.
"It-tieni kap tal-att ta' akkuża huwa mibni fuq l-artt. 121A(2) u 141 tal-Kodiċi Kriminali. Biex jiftehem aħjar, l-art. 121A qiegħed hawn jinġieb sħiħ:
**"'121A. (1) Kull min iwiegħed, jagħti jew joffri, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantaġġ mhux xieraq lil xi persuna oħra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaċi li jagħmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeċiedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli preċedenti ta' dan is-sub-titolu, sabiex iġiegħel lil dik il-persuna oħra teserċita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantaġġ mhux xieraq ikun għal dik il-persuna oħra jew għal xi ħadd ieħor, għandu, meta jinsab ħati, jeħel il-piena ta' priġunerija għal żmien minn tliet xhur sa sena.'**
**(2) Kull min jirċievi jew jaċċetta xi offerta jew wegħda ta' xi vantaġġ mhux xieraq għalih innifsu jew għal xi ħadd ieħor bil-għan li jeserċita xi influwenza mhux xierqa bħalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita f'dak is-subartikolu.**
**(3) Ir-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) jkunu saru għal kollox sew jekk il-kapaċità allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx teżisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiża twassal jew ma twassalx għar-riżultat intiż.'**
**….**
**"'141. Barra mill-każijiet li fihom il-liġi tgħid espressament liema huma l-pieni li għandhom jingħataw għar-reati li jsiru minn uffiċjali jew impjegati pubbliċi, kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jsir ħati ta' reat ieħor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minħabba l-kariga tiegħu huwa kellu d-dmir li**

**jimpedixxi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena stabbilita għal dak ir-reat, miżjuda bi grad.'**

**"**Ikun ħati ta' dan ir-reat kemm (i) min jagħmel wegħda jew offerta lil persuna oħra li turi li hi għandha influwenza mhux xierqa fuq kif tiddeċiedi terza persuna li jkollha funzjoni pubblika, bħal ma hu ġudikant, biex tinqeda b'dik l-influwenza, u jkun ħati wkoll (ii) min, wara li jkun wera li għandu dik l-influwenza, jaċċetta l-offerta li ssirlu bil-għan li jinqeda b'dik l-influwenza fuq it-terza persuna; ma huwiex biżżejjed li jkun laqa' l-offerta biex jinfluwenza lilu nnifsu. Fil-każ tallum tinteressana t-tieni ipotesi.

"Ġà rajna li kien hemm offerta jew wegħda magħmula lill-akkużat u aċċettata mill-akkużat qabel il-5 ta' Lulju 2002. Li rridu naraw hu jekk l-akkużat kienx asserixxa jew ikkonferma li hu għandu influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif jiddeċiedu l-membri oħra ta' qorti kolleġġjali, u jekk l-offerta saritx u kinitx aċċettata bil-għan li l-akkużat jinqeda b'dik l-influwenza fuq l-imħallfin l-oħra, u mhux biss, kif rajna fuq, biex iħalliha tkun fattur fil-konsiderazzjonijiet li jwasslu għad-deċiżjoni tiegħu.

"Ġà għidna li ftehim bħal dan, mir-*rerum natura*, ma jsirx b'forom jew bi kliem sagramentali; jista' wkoll isir, kif ngħidu metaforikament, *with a wink and a nod*. Ġà rajna li fl-okkażjoni tal-ewwel offerta li saret minn Grech Sant għal-ħabta ta' Jannar tal-2002, meta l-akkużat, għalkemm membru tal-Qorti tal-Appell Kriminali, ma kienx president tal-qorti, l-akkużat kien qal lil Grech Sant li l-kelma tiegħu ma kellhiex wisq piż; madankollu, jara x'jista' jagħmel. Fi kliem ieħor, "influwenza" ftit kellu, għax kien l-anqas wieħed anzjan, imma dik il-ftit li kellu jara x'jista' jagħmel biha.

"Is-sitwazzjoni nbidlet meta ġiet imtennija l-offerta: issa kien laħaq President tal-Qorti tal-Appell; issa ċertament l-influwenza tiegħu fuq il-membri l-oħra tal-Qorti tal-Appell kibret. Din kienet ħaġa ovvja u impliċita; il-ħatra tiegħu stess kienet turi, tasserixxi u tikkonferma li kellu influwenza fuq l-imħallfin l-oħra. Kemm hu u kemm Grech Sant u Zammit kienu jafu dan, u ma kinux meħtieġa asserzjonijiet u konfermi aktar espliċiti.

"L-influwenza li membru ta' qorti kolleġġjali jkollu fuq kif jiddeċiedu l-oħrajn tista' tkun leġittima, meta tkun motivata minn konsiderazzjonijiet leġittimi; tista' tkun ukoll illeċita,

u għalhekk "mhux xierqa", meta motivata fuq it-tama ta' qligħ imwiegħed.

"Huwa wkoll impliċitu li l-akkużat kellu jinqeda b'dik l-influwenza fuq il-ġudikanti l-oħra, u mhux biss jagħti l-vot tiegħu u daqshekk. Il-vot tiegħu, ukoll ta' president, kien biss wieħed minn tlieta u għalhekk waħdu ma kienx biżżejjed. Ma kienx jaf li l-vot ta' Dr Patrick Vella kien ġà nxtara; hu stess xehed li sar jaf b'dan l-għada tas-sentenza, u mhux qabel. Li kieku kien jaf qabel, seta' jagħti biss il-vot tiegħu u jibqa' passiv, imma, għax ma kienx jaf, u għax kellu bżonn mill-inqas vot ieħor, kellu bilfors iġib miegħu mill-inqas imħallef ieħor. Imġieba oħra, fiċ-ċirkostanzi, ma kinitx tagħmel sens. Fil-fatt rajna li din l-influwenza nqeda biha kemm fuq Dr Patrick Vella, meta qallu li l-ewwel abbozz – dak taċ-ċaħda tal-appell – kien prematur u mhux skond il-ftehim bejn l-imħallfin, u li għalhekk kellu jiġi skartat, u kif ukoll fuq l-Imħallef Filletti, meta dan mar jistaqsih għala, meta l-ftehim kien li t-tnaqqis fil-piena, jekk jingħata, kellu jkun ta' tliet (3) snin, minflok kien ta' erba' (4) snin.

"Rajna wkoll, għalkemm dan ma huwiex meħtieġ għall-għanijiet ta' ħtija, illi l-influwenza wasslet għar-riżultat mixtieq.

"L-akkużat huwa għalhekk ħati taħt l-art. 121A(2) tal-Kodiċi Kriminali.

"Dan ir-reat ikun aggravat taħt l-art. 141 jekk min iwettqu kellu d-dmir, minħabba l-ħatra tiegħu, li jara li dak ir-reat ma jseħħx. Din id-disposizzjoni ta' liġi kienet interpretata hekk mill-Qorti tal-Appell Kriminali f'sentenza mogħtija fis-17 ta' Lulju 2002 *in re* Il-Pulizija *versus* Emmanuel Testa:

**"'Biex jiskatta d-dover jew obbligu taħt l-artikolu 141 imsemmi, irid ikun hemm xi disposizzjoni ta' liġi jew xi kundizzjoni ta' impieg li, direttament jew indirettament, timponi l-obbligu fuq l-uffiċjal jew impjegat pubbliku li jkun li jissorvelja li ma jsirx xi reat partikolari (jew ir-reati kollha) jew li jimpedixxi dan ir-reat (jew reati).'**

"Kull imħallef għandu s-setgħa u għalhekk id-dmir li jara li l-proċeduri fil-qorti tiegħu jimxu kif imiss u kif tgħid u trid il-liġi. F'qorti kolleġġjali dan id-dmir imiss qabel kull ħaddieħor lill-president ta' dik il-qorti. Ma jistax ikun hemm l-iċken dubju illi, jekk president ta' qorti kolleġġjali

jsir jaf li wieħed mill-imħallfin l-oħra nxtara biex jeżerċita influwenza mhux xierqa, il-president ikollu s-setgħa u d-dmir li ma jħallix li dan isir.

"Fil-każ tallum, għalhekk, l-akkużat bħala President tal-Qorti tal-Appell kellu d-dmir li jara li r-reat taħt l-art. 121A(2) ma jseħħx. Billi, minflok, ir-reat wettqu hu, ir-reat huwa aggravat taħt l-art. 141 tal-Kodiċi Kriminali.

"L-akkużat huwa għalhekk ħati ta' dak li ġie mixli bih fit-tieni kap tal-att ta' akkuża.

"It-tielet kap tal-att ta' akkuża huwa mibni fuq l-art. 133 tal-Kodiċi Kriminali:

**"'133. Kull uffiċjal jew impjegat pubbliku li jikkomunika jew jippubblika dokument jew fatt li jkun ġie fdat lilu jew li jkun ġie magħruf minnu minħabba l-kariga jew impieg tiegħu, u illi għandu jibqa' sigriet, jew illi b'xi mod igħin biex jiġi magħruf, meta l-fatt ma jkunx jikkostitwixxi fih innifsu delitt aktar gravi, jeħel, meta jinsab ħati, il-piena ta' priġunerija għal żmien ta' mhux aktar minn sena jew il-multa.'**

"Dwar din l-akkuża ftit hemm xi tgħid. L-akkużat stess stqarr li kixef kif sejra tkun is-sentenza qabel ma ngħatat: dan ammettieh kemm – skond hu b'mod esaġġerat – fl-istqarrija "tattika" quddiem il-Kummissarju tal-Pulizija u kemm meta minjeddu xehed quddiem din il-qorti, meta ammetta biss għal okkażjoni waħda meta lil Grech Sant fil-jum ta' qabel ma kellha tingħata s-sentenza qallu kif sejra tkun. F'kull każ, ukoll jekk titwemmen it-tieni verżjoni, hemm l-elementi kollha ta' kxif ta' fatt jew dokument li, fil-waqt meta inkixef, kellu jibqa' sigriet.

"Lanqas ma taqbel il-qorti mal-argument tad-difiża li din id-disposizzjoni tal-liġi tolqot biss dokumenti li jridu jibqgħu sigrieti għal dejjem u mhux biss, bħas-sentenzi tal-qrati, sakemm jiġu pubblikati. Li hu meħtieġ hu li d-dokument jew fatt kellu jinżamm sigriet fil-waqt meta nkixef.

"Ukoll ma taqbilx il-qorti li l-akkużat kellu jiġi mixli mhux bi kxif ta' sigrieti uffiċjali taħt l-art. 133 iżda bi kxif ta' sigrieti professjonali, li hu delitt aktar gravi taħt l-art. 257 tal-Kodiċi Kriminali. Huwa l-art. 133 li jolqot sigrieti tal-istat jew ta' entità tal-istat, bħal ma huwa l-organu ġudizzjarju. F'kull każ, jekk sigriet uffiċjali jkun ukoll sigriet professjonali, id-delitt taħt l-art. 133 huwa kompriż u involut f'dak taħt l-art. 257.

“L-akkużat huwa għalhekk ħati ta’ dak li ġie mixli bih fit-tielet kap tal-att ta’ akkuża.”

**5.** Rat ir-rikors ta’ appell ta’ l-imsemmi Dr. Noel Arrigo pprezentat fis-16 ta’ Dicembru 2009 fejn talab li din il-Qorti tirriforma d-dikjarazzjoni ta’ htija fis-sens li tikkonfermaha in kwantu sabitu hati tat-tielet kap ta’ l-att ta’ akkuza u tirrevokaha fil-bqija u tordna li jigu registrati sentenza u verdett/decizjoni ta’ liberazzjoni fir-rigward ta’ l-ewwel u t-tieni kap ta’ l-att ta’ akkuza jew, alternattivament, tavrja l-istess sentenza f’dik il-parti fejn tikkoncerna l-piena; rat l-atti kollha tal-kawza; semghet it-trattazzjoni; ikkunsidrat:

**6.** L-aggravji ta’ l-appellant huma bazikament is-segwenti: (1) li kien hemm irregolarita` matul il-kawza u/jew interpretazzjoni jew applikazzjoni zbaljata tal-ligi li kellha influwenza fuq id-decizjoni/verdett u li wasslet sabiex saret amministrazzjoni hazina tal-gustizzja meta b’digriet tas-17 ta’ Novembru 2009 il-Qorti Kriminali cahdet it-talba tad-difiza sabiex tipproduci stqarrija ffirmata minn Fr. Saviour Grech u stqarrija ohra fil-forma ta’ *sms* li jghid li dan Fr. Grech ma setax jigi Malta biex jixhed; (2)(i) li huwa gie misjub hati hazin fuq il-fatti tal-kawza in kwantu jikkoncerna l-ewwel kap ta’ l-att ta’ akkuza; (2)(ii) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, fl-eventwalita` li din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni ta’ htija dwar ir-reat ta’ korruzzjoni, tali htija kellha semmai tinkwadra fl-artikolu 115(a) tal-Kodici Kriminali u mhux fl-artikoli 115(b) u 115(c); (3) li rigward ir-reat addebitat fit-tieni kap ta’ l-att ta’ akkuza, huwa nstab hati ta’ l-istess kemm minhabba rregolarita` matul il-kawza kif ukoll minhabba interpretazzjoni zbaljata tal-ligi kif ukoll applikazzjoni zbaljata tal-ligi li wasslu kemm ghall-amministrazzjoni hazina tal-gustizzja kif ukoll sabiex huwa jinstab hati hazin fuq il-fatti; (4) li, minghajr pregudizzju ghall-premess u fl-eventwalita` li din il-Qorti ma taccettax l-aggravju numru tlieta (3), l-addebitu ta’ l-artikolu 141 tal-Kap. 9 ma kienx applikabbli fil-kaz odjern; (5) li, minghajr pregudizzju ghall-premess, il-piena fic-cirkostanzi kienet eccessiva;

**7.** L-ewwel aggravju jirrigwarda digriet li nghata mill-Qorti Kriminali fis-17 ta’ Novembru 2009 li permezz tieghu dik il-Qorti cahdet it-talba tad-difiza biex jigu prodotti zewg dokumenti konsistenti fi stqarrija ffirmata minn certu Dun

Saviour Grech u stqarrija ohra fil-forma ta' messagg elettroniku ta' l-istess Dun Saviour Grech fejn qal li ma setax jigi Malta biex jixhed. Dawn id-dokumenti ma gewx pprezentati fil-perijodu stipulat fl-artikolu 438[2] tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-appellant josserva illi dan gara proprju ghaliex ma kinux jezistu fiz-zmien imsemmi f'dak l-artikolu. Skond l-appellant, dawn id-dokumenti kienu biss prova tal-fatt li saru u ghalhekk ma setghu joholqu ebda pregudizzju lill-prosekuzzjoni. Xorta kellhom rilevanza, pero`, fid-dawl tal-fatt illi gie dubitat kemm huwa ried jaghti l-flus lill-karita`. L-appellant isostni illi l-imsemmi digriet ma jsibx konfort fil-mod kif il-Qrati taghna nterpretaw l-artikolu 440(4) u (5) tal-Kap. 9 u jistona mal-mod kif l-ewwel Qorti mxiet fit-talbiet tal-prosekuzzjoni sabiex tesebixxi dokumenti ohra fil-kors tal-process u sahansitra tipproduci xhieda li lanqas kienu xehdu fil-kumpilazzjoni.

**8.** Ta' rilevanza huma s-segwenti subartikoli ta' l-imsemmi artikolu 440 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta:

**"(3) Ebda xhud, dokument jew oggett li ma jkunx inghata fin-noti jew li ma jkunux gew ipprezentati kif provdut fl-artikolu 438, ma jista' jingieb fil-kawza minghajr permess specjali tal-qorti.**

**(4) Dan il-permess jinghata biss meta jinstab li l-prova hija rilevanti, u l-Avukat Generali jew l-akkuzat ma jkunx bata hsara billi l-prova ma tkunx giet moghtija fin-nota fuq imsemmija jew billi l-prezentata ma tkunx saret fiz-zmien specifikat fl-artikolu 438.**

---

[2] **438. (1) Kopja ufficjali ta' l-att ta' l-akkuza u tan-nota msemmija fl-artikolu 590(2) ghandhom jigu notifikati lill-akkuzat.**
**(2) L-akkuzat ghandu, permezz ta' nota pprezentata fir-registru tal-qorti mhux iktar tard minn hmistax-il jum tax-xoghol mid-data ta' dik in-notifika -**
**(i) jaghti avviz dwar l-eccezzjonijiet imsemmija fl-artikolu 449 u kull eccezzjoni dwar l-ammissibbilità**
**tal-provi li jkollu l-hsieb li jaghti, u**
**(ii) jindika x-xhieda u jipproduci d-dokumenti u oggetti ohra li jkollu l-hsieb li juza fil-kawza,**
**u kopja ufficjali ta' dik in-nota ghandha tigi notifikata lill-Avukat Generali.**

**(5) Izda, jekk matul il-kawza jinstab li hu mehtieg jew utili li jinstema’ xi xhud, jew li wiehed ikollu taht ghajnejh dokument jew oggett li ma jkunx inghata fin-nota minn ebda wahda mill-partijiet, il-qorti tista’ *ex officio* tordna li jissejjah ix-xhud u li tittiehed ix-xiehda tieghu, jew li jingieb id-dokument jew l-oggett mhux imsemmi fin-nota.”**

**9.** L-ewwel Qorti cahdet it-talba tad-difiza sabiex jigu prodotti d-dokumenti msemmija wara li qieset is-segwenti:

**“Il-qorti tosserva qabel xejn illi dawn id-dokumenti kienu disponibbli ghad-difiza fi zmien sew qabel illum u kien ikun ferm aktar korrett illi talba bhal dik li saret illum tkun saret qabel.**

**“Il-qorti tqis illi dawn l-istqarrijiet ma sarux bil-gurament u ghalhekk ma humiex u ma jistghux iservu bhala prova tal-kontenut taghhom, ukoll ghax ma jistax ikun ezaminat u kontro-ezaminat min ghamilhom, u dan ikun ta’ ostakolu ghax johloq pregudizzju ghall-prosekuzzjoni kif ighid l-art. 440(4) tal-Kodici Kriminali.**

**“Il-qorti rat ukoll l-art. 440(5) tal-Kodici Kriminali li jaghtiha s-setgha li, f’cirkostanzi eccezzjonali, tippermetti l-produzzjoni ta’ dokumenti ukoll f’dan l-isatdju meta jkun utli li wiehed ikollu taht ghajnejh dokument jew oggett li ma jkunx gie prodott meta u kif trid il-ligi.**

**“Billi ghar-raguni ga` moghtija l-istqarrijiet jistghu jkunu biss prova tal-fatt illi saru u mhux ukoll prova tal-kontenut taghhom, il-qorti hija tal-fehma illi l-utilita` ta’ din il-prova, u ghalhekk tal-produzzjoni ta’ dawn id-dokumenti, ma hijiex tali li tiggustifika li l-qorti tinqeda b’din is-setgha.”**

**10.** Din il-Qorti, bhall-ewwel Qorti, ma tista’ tara l-ebda utilita` fil-produzzjoni tad-dokumenti msemmija. Ma kienu se jkunu ta’ ebda siwi dwar il-kontenut taghhom, u allura

ghall-prova li d-difiza riedet taghmel li l-appellant “ried jaghti l-flus lil karita`”. Wara kollox, sija jekk l-appellant ried jaghti l-flus lil xi istituzzjoni ta’ karita` sija jekk le, dan il-fattur ma seta’ jinfluwixxi bl-ebda mod, u ghalhekk ma kien ta’ ebda rilevanza, fuq il-kwistjoni ta’ htija. Huwa minnu li l-ewwel Qorti fis-sentenza taghha ta’ l-24 ta’ Novembru 2009 esprimiet dubju dwar meta l-appellant ifforma l-hsieb li jaghti l-flus ghall-karita`, izda ma esprimietx dubju dwar jekk qattx ifforma dan il-hsieb. Pero` korrettement qalet – darbtejn fl-istess paragrafu f’pagna 27 ta’ dik is-sentenza – li dan mhuwiex “wisq relevanti ghall-ghanijiet ta’ sejbien ta’ htija”. Imbaghad fit-tieni sentenza taghha, dik tas-26 ta’ Novembru 2009, l-ewwel Qorti ukoll ghamlet referenza ghal dan l-aspett, cioe` li l-appellant iddecieda li jaghti l-flus ghall-karita`, u qalet hekk:

**“Il-qorti tqis ukoll il-fatt illi l-ħati għażel illi l-flus jagħtihom karità. Għalkemm, għar-raġunijiet imfissra fis-sentenza tal-verdett, il-qorti ma hijiex għal kollox b’moħħha mistrieħ dwar il-waqt meta ttieħdet dik id-deċiżjoni, jekk hux tassew l-għada li għaddew il-flus jew meta l-fatti bdew jinkixfu, tifhem illi lill-ħati għandha tagħtih il-benefiċċju tad-dubju u, għalkemm ma qisitx dan il-fatt għall-għanijiet tas-sejbien ta’ ħtija, sejra tqisu għall-għanijiet tal-piena. Ċertament, din l-imġieba tikkontrasta ma’ dik ta’ min il-flus mar jonfoqhom f’ħanut tad-deheb.”**

**11.** Kwindi dan l-ewwel aggravju qieghed jigi michud u kull konsiderazzjoni dwar dokumenti ohra u xhieda li setghu gew prodotti mill-prosekuzzjoni jkun inutili.

**12.** L-ewwel parti tat-tieni aggravju jittratta s-sejbien ta’ htija skond l-ewwel kap ta’ l-att ta’ akkuza. Fir-rikors ta’ appell tieghu l-appellant jghid illi l-ewwel Qorti interpretat il-fatti b’mod erroneju u mhux komplet u bbazat il-konkluzjoni taghha fuq premessi legalment skorretti. “In effetti”, jghid l-appellant, “l-ewwel Qorti sejset il-konkluzjoni taghha fuq il-htija a bazi mhux tal-provi prodotti u ammissibbli izda a bazi ta’ ipotezi li ma kinitx sorretta mill-provi u li, bl-oppost, kienet kontradetta mill-provi jew, fl-aghar ipotezi ma kinitx twassal ghas-sejbien ta’ htija fil-kamp penali.” Skond l-appellant, “l-ewwel Qorti

attribwiet ghemil li ddeskriviet bhala 'tattiku' min-naha tal-esponent sabiex tiskreditah u tasal sabiex tikkonkludi li huwa hati ta' din l-imputazzjoni meta ezami tar-rizultanzi processwali juru li anki din il-konkluzjoni hija wahda li ma ssibx konfort fl-istess atti processwali u fl-*iter* kollu tal-istess." L-abbli difensur ta' l-appellant, l-Avukat Dottor Joseph Giglio, amplifika fuq dan l-aggravju (bhalma ghamel fuq l-aggravji kollha) waqt it-trattazzjoni dettaljata u erudita li ghamel quddiem din il-Qorti.

**13.** Permezz ta' dan l-aggravju l-appellant qieghed jitlob apprezzament mill-gdid tal-provi. Issa, dan kien kaz fejn l-appellant ipprevalixxa ruhu minn dak li jiddisponi s-subartikolu (6) ta' l-artikolu 436 tal-Kodici Kriminali sabiex il-kaz tieghu jinstema' bla ma jigi maghzul guri. Effettivament il-kaz tieghu nstema', kif provdut fis-subartikolu (9) ta' l-istess artikolu 436, minn Imhallef wiehed minghajr guri. Ciononostante, u filwaqt li din il-Qorti tikkoncedi li s-sottomissjonijiet tad-difiza ghandhom valur argumentattiv sostanzjali, japplika l-istess principju li japplika meta l-Imhallef ikun qieghed jisma' l-kaz flimkien ma' guri, u cioe` li dak li din il-Qorti trid tara huwa jekk, f'dan il-kaz, l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li effettivament waslet ghaliha. Jigifieri din il-Qorti ma tiddisturbax id-diskrezzjoni ezercitata mill-ewwel Qorti fl-apprezzament tal-provi u tirrimpjazzaha b'taghha kemm-il darba jkun evidenti ghaliha li dik il-Qorti ma tkunx ghamlet apprezzament manifestament hazin tal-provi, u setghet, ghalhekk, legalment u ragjonevolment, tasal ghall-konkluzjoni li tkun waslet ghaliha in bazi tal-provi li kellha quddiemha.[3]

---

[3] Ara, fost ohrajn, l-Appelli Kriminali Superjuri: **The Republic of Malta v. Steven John LewisMarsden**, 2 ta' Novembru 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Giosue` Gauci**, 28 ta' Dicembru 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Nader Abdulaziz Elgerian et**, 28 ta' Dicembru 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Rida Salem Suleiman Shoaib**, 15 ta' Jannar 2009; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Hili**, 19 ta' Gunju 2008; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Etienne Carter**, 14 ta' Dicembru 2004 **Ir-Repubblika ta' Malta v. Domenic Briffa**, 16 ta' Ottubru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Godfrey Lopez** u **r-Repubblika ta' Malta v. Eleno sive Lino Bezzina** 24 ta' April 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v.**

**14.** Jigi premess illi l-Imhallef sedenti fl-ewwel Qorti kellu l-opportunita` li jisma' u jara x-xhieda u b'hekk kellu l-opportunita` iqis "l-imgieba, il-kondotta u l-karattru" taghhom. Kellu wkoll l-opportunita` li jqis "jekk ix-xiehda ghandhiex mis-sewwa jew hix konsistenti", kif ukoll "jekk ix-xiehda hix imsahha minn xiehda ohra, u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz" (artikolu 637 tal-Kap. 9).

**15.** Din il-Qorti, minbarra li semghet b'attenzjoni s-sottomissjonijet tal-partijiet, ezaminat bir-reqqa kollha t-traskrizzjonijiet kollha tax-xhieda u tas-sottomissjonijiet li saru quddiem l-ewwel Qorti, u d-dokumenti kollha attinenti. Kwantu ghall-fatti, taqbel li dawn gew traccjati ben tajjeb mill-ewwel Qorti fis-sentenza verdett kif riprodotti aktar 'il fuq f'din is-sentenza u qed issir referenza ghalihom. Dak li din il-Qorti trid tara issa huwa jekk l-ewwel Qorti setghetx legalment u ragjonevolment tapplika dawk il-fatti ghar-reat li dwaru l-appellant insab hati tieghu skond l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza, u cioe` r-reat ta' korruzzjoni skond l-artikolu 115 tal-Kodici Kriminali b'referenza ghall-paragrafi (b) u (c) ta' dak l-artikolu. Biex ikun hati tar-reat hemm kontemplat, l-ufficjal pubbliku jrid ikun talab, ircieva jew accetta ghalih jew ghal haddiehor, rigal jew weghda jew offerta ta' xi rigal sabiex jonqos li jaghmel id-dmir tieghu. Ir-reat ikun aktar gravi jekk l-ufficjal pubbliku effettivament jonqos milli jaghmel id-dmir tieghu. Issa, bhalma korrettement osservat l-ewwel Qorti, l-accettazzjoni trid tkun saret qabel, u mhux wara, li jkun sar in-nuqqas tal-qadi tad-dmir, u hija bizzejjed l-

---

**Lawrence Asciak sive Axiak** 23 ta' Jannar 2003, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mustafa Ali Larbed**, 5 ta' Lulju 2002; **Ir-Repubblika ta' Malta v. Thomas sive Tommy Baldacchino**, 7 ta' Marzu 2000, **Ir-Repubblika ta' Malta v. Ivan Gatt**, 1 ta' Dicembru 1994; u **Ir-Repubblika ta' Malta v. George Azzopardi**, 14 ta' Frar 1989; u l-Appelli Kriminali Inferjuri: **Il-Pulizija v. Andrew George Stone**, 12 ta' Mejju 2004, **Il-Pulizija v. Anthony Bartolo**, 6 ta' Mejju 2004; **Il-Pulizija v. Maurice Saliba**, 30 ta' April 2004; **Il-Pulizija v. Saviour Cutajar**, 30 ta' Marzu 2004; **Il-Pulizija v. Seifeddine Mohamed Marshan et**, 21 ta' Ottubru 1996; **Il-Pulizija v. Raymond Psaila et**, 12 ta' Mejju 1994; **Il-Pulizija v. Simon Paris**, 15 ta' Lulju 1996; **Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace**, 31 ta' Mejju 1991; **Il-Pulizija v. Anthony Zammit**, 31 ta' Mejju 1991.

accettazzjoni tal-weghda jew offerta u mhux ukoll il-hlas ta’ dak li jkun gie mwieghed jew offrut.

**16.** Huwa ghalhekk opportun li din il-Qorti tikkummenta mill-ewwel fuq dak li sehh fl-inkontru li l-appellant kellu f’Jannar 2002 ma’ Anthony Grech Sant, peress illi jidher li l-ewwel Qorti qieset illi f’dak l-inkontru kienet diga` saret l-accettazzjoni da parti ta’ l-appellant tal-weghda jew offerta. Dwar dan l-inkontru fix-xiehda tieghu quddiem l-ewwel Qorti l-appellant jghid illi huwa accetta li jkellem lil Anthony Grech Sant dwar il-kaz minhabba l-hbiberija kbira li kellhom hu u l-imsemmi Grech Sant. Hawn saru diversi mistoqsijiet mill-prosekutur lill-appellant dwar id-diskors li ntqal bejniethom:

“Pros: U rrispondejtu certi affarijiet ukoll hux. Ghidtlu issa naraw jekk nista’ nghinu nghinu.

Xhud: Le mhux hekk ghidtlu. Jiena qatt ma ghidtha dik. Issa naraw jekk ikun hemm il-haqq u l-gustizzja jiena nara x’nista’ naghmel.

Pros: All right. All right.

Xhud: Fiz-zewg okkazjonijiet ikkwalifikajtha b’dan il-mod.

Pros: Pero` ghax kien Grech Sant inti ghidtlu nara x’nista’ naghmel.

Xhud: Dejjem jekk ikun il-lok li din il-haga mhijiex xi haga li tmur kontra l-ligi jew kontra l-kuxjenza tieghi. Din il-kwalifika ghalija hija importanti hafna.

Pros: Pero` xorta wahda ghidtlu nara x’nista’ naghmel bil-kwalifika b’kollox. Normali …

Xhud: Lanqas ghidt, le, le ippermettili ghax …

Pros: Normali li jigi xi hadd u jghidlek issa nara x’nista’ naghmel?

Xhud: Ippermettili. Jiena lil Grech Sant m’ghidtlux nara x’nista’ naghmel, ghidtlu issa naraw. U ghalija z-zewg z-zewg risposti huma totalment differenti. Nara x’nista’ naghmel tfisser xi haga, issa naraw kif xehed hu stess, tfisser xi haga totalment differenti ghax issa naraw tista’ tfisser mhux nara x’nista’ naghmel issa naraw jekk dan verament haqqux skond il-haqq u l-gustizzja.”

**17.** F'dan il-bran din il-Qorti ma setghetx ma tinnotax li l-appellant ikkontradica lilu nnifsu. L-ewwel qal li lil Grech Sant qallu l-kliem "nara x'nista' naghmel", imbaghad li ma qallux dak il-kliem, u li l-kliem li uza kienu "issa nara", kif, jghid l-appellant, xehed Grech Sant stess. Issa, meta xehed Anthony Grech Sant fl-ezami, qal li darba minnhom l-appellant kien ghandu u kellmu fuq il-kaz u l-appellant qallu li dawn l-affarijiet ma jaghmilhomx u "nara x'nista' naghmel". Mistoqsi mill-prosekuzzjoni jekk kienx informa lill-appellant bl-offerta ta' Lm10,000, Grech Sant wiegeb: "Dazgur li ghidtlu bl-Lm10,000. Hu qalli jiena flus ma rrid xejn, qalli nara x'nista' naghmel." Kien waqt il-kontro-ezami meta mistoqsi dwar x'risposta ta l-appellant li wiegeb "issa naraw". Izda wkoll wara mistoqsijiet ohra tad-difiza, "fejn nista' nghinu, nghinu u flus ma rridx". Meta wiehed jaghsar id-diskors li ntqal jew seta' ntqal mill-appellant lil Anthony Grech Sant, is-sinifikat huwa evidenti – li kien lest li jghin. Jaghmel kemm jaghmel kwalifiki, gudikant ma ghandu jaccetta qatt li jitkellem dwar kaz li jinsab quddiemu ma' ebda persuna u wisq anqas jaccetta li jipprovdi xi forma ta' ghajnuna, anke jekk dan ikun b'diskors ambigwu jew generiku, *multo magis* fejn tkun saret weghda jew offerta ta' flus.  Intqal li ma ssemmietx il-persuna li riedet l-ghajnuna ta' l-appellant. Huwa inverosimili li persuna tiddikjara ruhha lesta li "tara" jew "tara x'tista' taghmel" jew "tghin" jekk ma tafx min hi dik il-persuna. Gie sottomess li ghall-appellant l-istorja waqfet hemm, cioe` b'dik id-diskorsata li kellu ma' Anthony Grech Sant. Kif tista' tghid dan meta l-appellant stess issenjala, bil-kliem li uza, li l-bieb kien miftuh jew almenu mbexxaq, u dan nonostante l-kwalifiki kollha li seta' ghamel?

**18.** Din il-Qorti ma tistax hawn ma tirreferix ghal dak li ntqal minn din il-Qorti fil-gurisdizzjoni taghha inferjuri fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija v. Mario Camilleri et** moghtija fit-30 ta' Lulju 2009 fil-konfront ta' tlieta ohra mill-atturi f'din il-kwistjoni fejn intqal korrettement:

**"Hu appena necessarju jinghad li gudikant ghandu l-obbligu li jiddeciedi biss skond dak li jkun jirrizulta mill-provi jew mill-atti tal-kawza <u>u li b'ebda mod ma jhalli li l-gudizzju tieghu jigi b'xi mod influwenzat minn</u>**

**<u>konsiderazzjonijiet estraneji ghall-process</u>, aktar u aktar konsiderazzjoni ta' xi korrispettiv venali jew utili iehor li jkun gie prospettat lilu. Malli gudikant jaccetta l-weghda jew offerta ta' flus jew utili iehor – u tali accettazzjoni tista' tigi ndikata anke b'semplici dikjarazzjoni li huwa "lest li jghin" jew "lest li jara x'jista' jsir" jew espressjonijiet simili li juru li huwa lest li jiehu in konsiderazzjoni dak li jkun gie propost lilu li jsir versu l-korrispettiv prospettat – huwa jkun sar hati tar-reat ta' korruzzjoni kontemplat fl-Artikolu 115(b) imsemmi."**

**19.** L-appellant jinsisti li huwa dejjem qal li flus ma jridx. L-ewwel Qorti qieset din bhala mossa tattika ta' l-appellant. L-appellant fil-fatt jilmenta li l-ewwel Qorti attribwiet ghemil li ddeskriviet bhala "tattiku" min-naha tieghu sabiex tiskreditah. Din il-Qorti tosserva illi kien l-appellant stess li fix-xiehda tieghu ammetta li meta dahal fil-kwartieri generali tal-pulizija huwa dahal bl-animu li ma jaccettax li qatt ha l-flus u jghid li uza ghalhekk "tattika" li minflok jikkoncentra fuq l-indiskrezzjonijiet tieghu. Jghid car u tond: "Fl-istqarrija tieghi hemm hafna affarijiet li ma humiex veri, parti favur u anke kontra tieghi, ghax jien fl-istqarrija tieghi nerga' nghid li filwaqt li ma qatt ridt naccetta l-kwistjoni tal-*bribery* pero` lanqas ridt naccetta li fic-cirkostanzi li kien hemm jiena accettajt il-flus wara, ippruvajt nikkoncentra u nizvija lill-prosekuturi li kienu erbgha bil-fatt tal-informazzjoni li jiena zvelajt, jigifieri tal-fatt li jiena kont indiskret." Huwa probabbli <u>ghalhekk</u> illi l-ewwel Qorti kkummentat kif ikkummentat dwar id-diskors ta' l-appellant fis-sens li "flus ma jridx". Tattika jew le, dak li sehh wara s-sentenza li nghatat fil-5 ta' Lulju 2002 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Camilleri** sa certu punt jissufraga dak li tenniet l-ewwel Qorti, izda wkoll juri li l-ewwel Qorti setghet ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha.

**20.** Wara li nghatat is-sentenza msemmija, Anthony Grech Sant cempel lill-appellant biex jara x'hin kien se jkun l-ufficcju tieghu tal-familja. L-appellant tah hin. L-appellant jghid li spera li Grech Sant ma kienx ser jigi "pero` fhimt li kien gej xorta u sperajt li ma kienx ser jigi.

Ser nghidha cara ghax ser nirrepeti li jiena ma kelli ebda intenzjoni li naccetta xi rigal minghandu hu x'inhu ghax kieku kont incempel jien ghalih…." Ftit qabel l-appellant qal: "Ghandi impressjoni ghax ma nistax nghid li ma mmaginajtx assolutament ma mmaginajtx li Grech Sant forsi ried ikellimni fuq is-sentenza." Mela jekk l-appellant issuspetta li Grech Sant kien se jkellmu fuq is-sentenza, kellu triq wahda x'jaghzel. Jghid lil Grech Sant biex ma jersaqx lejn l-ufficcju. L-appellant kien jaf li Grech Sant kien tkellem mieghu dwar il-kaz u dwar l-offerta ta' Lm10,000. Kien konxju li Joseph Zammit kien ukoll kellmu u tenna din l-offerta. Izda una volta li Grech Sant mar ikellmu, jekk l-appellant – kif xehed – ma kellux intenzjoni jaccetta rigal minghandu, ma kellux izomm l-*envelope* bil-flus li hallielu Grech Sant. L-appellant jghid li kien *"flabbergasted"* meta Grech Sant tefaghlu l-*envelope* fuq il-mejda u ma kienx jaf kif se jirreagixxi. Jekk, bhalma stqarr, diga` kien ifforma l-intenzjoni li ma jircievi ebda rigal minghand Grech Sant, kull ma kellu x'jaghmel kien li jaqbad l-*envelope* u jtieh lura lil Grech Sant dak il-hin stess. Izda dan ma ghamlux.

**21.** Ix-xiehda ta' Grech Sant tindika li l-appellant ma kien xejn *"flabbergasted"*. L-appellant jghid li meta Grech Sant mar l-ufficcju tieghu, qaghdu jitkellmu mbaghad qabel ma telaq 'il barra, Grech Sant tefaghlu l-*envelope* fuq il-mejda. Grech Sant jghid li tefaghhulu fuq il-mejda <u>kif dahal</u>. Huwa aktar verosimili li meta Grech Sant mar bil-flus dan tefagghhomlu mill-ewwel fuq il-mejda. Jekk mar biex "jehles minnhom", ma jaghmilx sens li jmur joqghod ipacpac u ezatt qabel ma johrog jitfaghhom fuq il-mejda. Anthony Grech Sant jghid li tefaghhom kif dahal, jghid li lill-appellant kien qallu li kienu se jtuh Lm5,000 u mhux Lm10,000 u li meta tefa' l-*envelope* fuq il-mejda l-appellant ma qallux jehodhom lura. Issir referenza ghas-segwenti brani mix-xiehda ta' Grech Sant:

"Difiza: Issa ara tiftakarx illi fil-fatt hu qallek 'imma dawn x'inhuma, ghalfejn gibthom, ma rridhomx u bdejt tghidlu …'

Xhud: Xejn minn dan.

Difiza: Teskludi jew ma tiftakrux?

Xhud: Ma niftakrux.
Difiza: Ma tiftakarx.
Xhud: Common sense."
….
Qorti: … meta tfajtlu l-envelope fuq il-mejda qallek hudhom lura?
Xhud: No, no, no, none of that.
Qorti: Ma tiftakarx jew ma qallekx?
Xhud: Le le ma qallix hekk hudhom lura."

**22.** Il-fatt hu li l-appellant zamm il-flus. Jekk wara li ghamel hekk imtela' b'rimors, dan ma jxejjinx il-kolpevolezza tieghu.

**23.** Fil-fehma ta' din il-Qorti huwa wkoll sinifikattiv hafna dak li wiegeb l-appellant ghall-mistoqsija tal-prosekuzzjoni jekk fl-ebda stadju ma dehrlu (l-appellant) li kemm ghal Grech Sant u kemm ghal Zammit, jirapporta lill-Pulizija b'dan l-agir. L-appellant wiegeb hekk:

"Le, minhix, le ma dehrlix u issa nghidlek ghaliex. Ghax jiena meta accettajt lil Grech Sant, biex inkellem lil Grech Sant, fl-ewwel darba u ghamilli dik l-offerta minkejja li jiena ma accettajthiex, minn dak iz-zmien lil hemm, <u>jiena idi kienu marbutin</u>" (sottolinear ta' din il-Qorti).

Fil-fehma ta' din il-Qorti, din hi ammissjoni cara da parti tieghu li minn dak l-inkontru ma' Grech Sant 'il quddiem, ma hassx li seta' jiddeciedi serenament. Forsi ghal dik li hija l-*forma mentis* ta' l-appellant (espressjoni li uza fix-xiehda tieghu), il-laqgha ma' Dott. Mark Said u Dott. Emanuel Mallia kienet provvidenzjali. Jidher li wara din il-laqgha ttiehdet id-decizjoni mill-appellant u l-Imhallef Patrick Vella li s-sentenza tonqos b'erba' snin. Izda in vista ta' l-osservazzjonijiet li diga` saru, dan huwa rrilevanti, peress illi l-accettazzjoni –anke jekk biss implicitament – kienet diga` saret.

**24.** Issa, permezz tat-tieni parti tat-tieni aggravju, l-appellant isostni illi l-ewwel Qorti waslet biex tikkonkludi erronejament li fix-xenarju rizultanti mill-provi, il-htija kienet tinkwadra taht l-artikoli 115(b) u 115(c). L-appellant

jghid illi se mai l-htija kellha tinkwadra taht l-artikolu 115(a), ghax is-sentenza moghtija fil-5 ta' Lulju 2002 kienet l-unika wahda gusta.

**25.** Is-sentenza setghet kienet wahda gusta, izda zgur kienet wahda ivvizzjata. Hawn din il-Qorti tirreferi mill-gdid ghal dak li ntqal fis-sentenza precitata **Il-Pulizija v. Mario Camilleri et** tat-30 ta' Lulju 1999:

**"Jekk, in segwitu, dak li jkun gie prospettat lilu (fil-kaz in dizamina, li jkun hemm riduzzjoni fil-piena) effettivament isehh, huwa jkun effettivament naqas li jaghmel dak li jkun fid-dmir tieghu li jaghmel fit-termini tal-paragrafu (c) tal-imsemmi Artikolu 115, u dan anke jekk oggettivament kien hemm lok ta' riduzzjoni fil-piena. Ghalhekk, il-fatt li l-Qorti tkun komposta kollegjalment huwa irrelevanti, ghax kull gudikant f'qorti kolleggjali ghandu l-kapacita` li jinfluwenza l-ezitu ta' decizjoni. In fatti, anke li kieku f'dan il-kaz kien gie avvicinat gudikant wiehed biss li accetta l-offerta, u in segwitu kien hemm it-tnaqqis tal-piena, xorta wahda kien ikun hemm ir-reat kontemplat fl-Artikolu 115(c) da parti ta' dak il-gudikant wiehed. Jinghad ukoll li l-fatt li l-gudikant ikollu – jew, fil-kaz ta' qorti kolleggjali, kull wiehed mill-gudikanti jkollu – element ta' diskrezzjonalita` fil-ghoti tal-piena, ma jnaqqas xejn minn dak hawn fuq spjegat. Gudikant jonqos minn dmiru anke meta jaghmel uzu hazin minn dik id-diskrezzjoni, billi jhalli b'xi mod dik id-diskrezzjoni tigi influwenzata, anke minimament, minn konsiderazzjonijiet estraneji kif fuq imfisser."**

Dan huwa wkoll korrett u japplika anke ghall-kaz quddiem din il-Qorti. Konsegwentement u a bazi tal-konsiderazzjonijiet suesposti, din il-Qorti hi tal-fehma li l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tasal ghall-konkluzjoni ta' htija dwar l-ewwel kap ta' l-att ta' akkuza. Kwindi t-tieni aggravju qieghed jigi michud ukoll.

**26.** It-tielet aggravju jirrigwarda t-tieni kap ta' l-att ta' akkuza. L-appellant isostni illi huwa nstab hati ta' dak il-

kap kemm minhabba rregolarita` matul il-kawza kif ukoll minhabba interpretazzjoni zbaljata tal-ligi kif ukoll applikazzjoni zbaljata tal-ligi li wasslu kemm ghall-amministrazzjoni hazina tal-gustizzja kif ukoll u inoltre sabiex instab hati hazin fuq il-fatti. Rigward l-interpretazzjoni tar-reat ravvizat fl-artikolu 121A, l-appellant ghamel referenza ghas-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fit-13 ta' Lulju 2006 u konfermata minn din il-Qorti fit-23 ta' Novembru 2006. Jirreferi wkoll ghall-fatt illi r-reat ikkontemplat fit-tieni kap dahal fis-sehh bl-Att III tas-sena 2002 fl-1 ta' Mejju 2002. "Illi dana minkejja", jghid l-appellant, "l-ewwel Qorti sabet il-htija fuq dan ir-reat meta l-provi kienu totalment karenti mill-ezistenza tal-elementi tieghu. Li tabilhaqq prova li dan ir-reat ma jissussistix tohrog mis-sentenza stess li taccetta li Joseph Zammit u Pierre Camilleri avvicinaw ukoll lill-Imhallef Patrick Vella. Mela allura l-avvicinament li sar sehh proprju sabiex Zammit u Camilleri jinfluwenzawhom individwalment. Dana se mai huwa r-reat ta' korruzzjoni u ma ghandu x'jaqsam xejn il-kollegjalita` tal-Qorti tal-Appell mar-reat stipulat fl-artikolu 121A tal-Kap. 9". L-appellant ikompli jghid illi di piu` u fuq kollox sabiex issib il-htija, l-ewwel Qorti "estrapolat fatti li sehhew **<u>qabel</u>** ma dan ir-reat gie fis-sehh u uzat dawn il-fatti, jew ahjar l-interpretazzjoni taghha taghhom, sabiex tghid li jissussistu l-elementi ta' reat li f'dak l-istadju kien ghadu lanqas biss gie koncepit bhala reat u wisq inqas, naturalment, ma kien jezisti bhala reat."

**27.** Ir-reat addebitat permezz tat-tieni kap ta' l-att ta' akkuza huwa dak kontemplat fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 121A tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. L-artikolu 121A gie fis-sehh fl-1 ta' Mejju 2002. Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

**"(1) Kull min iwieghed, jaghti jew joffri, sew b'mod dirett sew indirett, xi vantagg mhux xieraq lil xi persuna ohra li tasserixxi jew tikkonferma li huwa jew hija jkunu kapaci li jaghmlu xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna li hemm imsemmija fl-artikoli precedenti ta' dan is-sub-titolu,**

**sabiex igieghel lil dik il-persuna ohra tesercita dik l-influwenza, sew jekk dak il-vantagg mhux xieraq ikun ghal dik il-persuna ohra jew ghal xi hadd iehor, ghandu, meta jinsab hat i , jehel il -piena ta' prigunerija ghal zmien minn tliet xhur sa tmintax-il xahar.**

**(2) Kull min jitlob, jircievi jew jaccetta xi offerta jew weghda ta' xi vantagg mhux xieraq ghalih innifsu jew ghal xi hadd iehor bil-ghan li jesercita xi influwenza mhux xierqa bhalma hemm imsemmi fis-subartikolu (1) jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita f'dak is-subartikolu.**

**(3) Ir-reati msemmija fis-subartikoli (1) u (2) jkunu saru ghal kollox sew jekk il-kapacita` allegata li ssir influwenza mhux xierqa kienet jew ma kienetx tezisti, sew jekk l-influwenza tkun jew ma tkunx saret u sew jekk l-influwenza pretiza twassal jew ma twassalx ghar-rizultat intiz."**

**28.** Mill-att ta' akkuza jirrizulta li l-Avukat Generali addebita dan ir-reat fuq zewg cirkostanzi: l-avvicinament li sar lill-appellant minn Anthony Grech Sant u l-avvicinament li sar lill-appellant minn Joseph Zammit. Mill-provi jirrizulta li Grech Sant avvicina lill-appellant f'Jannar 2002 meta kien ghadu lanqas gie pubblikat l-Att III tas-sena 2002. Peress illi allura f'Jannar 2002 ir-reati kontemplati fl-artikolu 121A ma kinux jezistu – *nullum crimen sine lege* – ic-cirkostanzi ta' Jannar 2002 huma rrilevanti ghall-finijiet ta' l-addebitu tar-reat kontemplat fl-artikolu 121A(2), cioe` ma setax jigi kommess dan ir-reat f'Jannar 2002 ghax ma kienx jezisti bhala reat. Mhux l-istess jista' jinghad pero` ghac-cirkostanzi li jirrigwardaw dak li sehh fir-rigward ta' Joseph Zammit. L-appellant kellu zewg inkontri ma' Joseph Zammit – inkontri li, jrid jinghad, ma kinux miftehma u ma fittixhomx l-appellant izda li jidher li fittixhom Joseph Zammit stess.. Fl-ewwel inkontru, dak li sar fl-istess gurnata tal-laqgha ma' Dott. Mark Said u Dott. Emanuel Mallia, l-appellant jghid: "M'inhix qed ninnega li f'din il-laqgha minkejja li lili ma semmilix flus qalli 'Ara tistax tghinu'. Pero` jiena l-impressjoni li ghandi li

ghal din id-domanda jien ma wegibtux f'din il-laqgha." Fit-tieni wiehed, lejlet l-ghoti tas-sentenza, Zammit bdielu d-diskors lill-appellant fuq is-sentenza u kif lesti joffrulu "drink ta' Lm10,000". L-appellant jghid illi lil Zammit qallu li kien diga` qal lil Grech Sant li flus ma jinteressawhx, li kellmu b'diskors ahrax billi nizel ghal-livell tieghu u li qallu li jekk din il-persuna haqqha skond il-ligi u d-dritt li titnaqqaslu s-sentenza, huma ser jikkunsidrawha. Jigifieri hawn, l-istess bhalma kien ghamel f'Jannar meta avvicinah Grech Sant, l-appellant ma qataghlux barra ghal kollox lil Zammit. Sahansitra ftit tal-hin wara cempillu Grech Sant li qallu li kien qed ikollu certa pressjoni minghand Zammit dwar is-sentenza u f'dak il-mument l-appellant jammetti li lil Grech Sant qallu li s-sentenza kienet ser titnaqqas ghal tnax-il sena. L-ghoti ta' tali informazzjoni certament hija wisq aktar minn semplici indiskrezzjoni, specjalment fid-dawl tal-fatt li kien ovvju li din l-informazzjoni kienet ser tigi riferuta minn Grech Sant lil Zammit u minn Zammit lill-beneficjarju tat-tnaqqis, cioe` lil Mario Camilleri nnifsu. Dan kollu sar fid-dawl tal-pjena konoxxenza ta' l-appellant li kienet saritlu l-offerta ta' Lm10,000.

**29.** L-appellant isostni illi l-avvicinament li sar liz-zewg Imhallfin sehh proprju sabiex Zammit u Camilleri jinfluwenzawhom individwalment u ghalhekk dan se mai huwa r-reat ta' korruzzjoni. Dak li qieghed jinsa l-appellant hu li l-istess att jista' jaghti lok ghal ksur ta' disposizzjoniet differenti tal-ligi minghajr ma jkun hemm konkors formali. Meta Zammit avvicina lill-appellant, l-appellant kien President tal-Qorti u certament f'pozizzjoni ta' influwenza. Issa, min ikun ircieva jew accetta l-offerta msemmija fis-subartikolu (2) ta' l-artikolu 121A, irid ikun ukoll asserixxa jew ikkonferma li huwa jkun kapaci li jaghmel xi influwenza mhux xierqa fuq il-mod kif tiddeciedi xi persuna msemmija fl-artikoli tal-ligi li jigu qabel l-Artikolu 121A. Bhalma qalet din il-Qorti fis-sentenza taghha **Ir-Repubblika ta' Malta v. Dr. Noel Arrigo** moghtija fit-23 ta' Novembru 2006: "Tali asserzjoni jew konferma bhalma wiehed isib fis-subartikolu (1) – li tista' anke tkun mera pretensjoni, kif jispjega s-subartikolu (3) tal-imsemmi Artikolu 121A – ma hemmx ghalfejn tkun esplicita, izda

huwa bizzejjed li tkun espressa implicitament jew anke indirettament u bil-metodi multiformi ta' kif hsieb jew idea jistghu jigu trasmessi minn persuna ghal ghand ohra." F'dan il-kaz, l-appellant mhux biss qal lil Zammit li jekk Camilleri haqqu "jikkunsidrawha", izda mbaghad lil Grech Sant sahansitra zvela l-*quantum* tas-sentenza li kienet se tinghata – agir li, anke jekk implicitament, kien qieghed juri bih li kapaci jezercita influwenza. L-appellant jargumenta illi s-sentenza kienet diga` miktuba. Hekk hu, izda kienet ghadha ma gietx pronunzjata u ghalhekk kien ghad hemm il-possibilita` li din tigi varjata qabel ma tigi pronunzjata. Difatti l-Imhallef Joseph Filletti, li kien it-tielet Imhallef fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali kif allura komposta, u li ma gie avvicinat minn hadd dwar il-kaz, iddomanda lill-appellant ghaliex il-piena kienet se titnaqqas b'erba' snin u mhux bi tliet snin. L-Imhallef Filletti xehed hekk: "Jien kont inkun iktar komdu jien [bi tnaqqis ta' tliet snin], pero` meta kelli l-assigurazzjoni nerga' nghid tal-President tal-Qorti li kien diga` qabli fil-Qorti ta' l-Appell Kriminali, meta kien hemm Imhallef iehor, ma ergajtx kellimtu veru, imma kelli bil-miktub tnax-il sena, jigifieri ahna ma nistghux nahlu z-zmien." Naturalment l-appellant spjega lill-Imhallef Filletti dwar il-laqgha li kienet saret ma' Dott. Mark Said u Dott. Emanuel Mallia, fost fattispecje ohra tal-kaz. Izda wara dan kollu kien hemm dejjem l-offerta ta' flus li kienet saret lill-appellant; offerta li, anke jekk implicitament, giet accettata, u konferma ta' dan tohrog mic-cirkostanzi spjegati qabel[4] dwar kif l-appellant accetta l-flus minghand Grech Sant.

**30.** Fid-dawl ta' dan kollu ghalhekk din il-Qorti hi tal-fehma li hawn ukoll l-ewwel Qorti setghet legalment u ragjonevolment tikkonkludi dwar il-htija ta' l-appellant anke tar-reat kontemplat fl-artikolu 121A(2) tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta. B'hekk anke t-tielet aggravju huwa michud.

**31.** Permezz tar-raba' aggravju l-appellant jghid illi l-addebitu ta' l-artikolu 141 tal-Kap. 9 ma kienx applikabbli fil-kaz odjern, u kieku kien applikabbli, kien japplika f'kull kap u mhux fit-tieni kap biss.

[4] *Supra* para. 21.

**32.** L-artikolu 141 msemmi jipprovdi hekk:

**"141. Barra mill-kazijiet li fihom il-ligi tghid espressament liema huma l-pieni li ghandhom jinghataw ghar-reati li jsiru minn ufficjali jew impjegati pubblici, kull ufficjal jew impjegat pubbliku li jsir hati ta' reat iehor li huwa kellu jissorvelja biex ma jsirx jew li minhabba l-kariga tieghu huwa kellu d-dmir li jimpedixxi, jehel, meta jinsab hati, il-piena stabbilita ghal dak ir-reat, mizjuda bi grad."**

**33.** L-ewwel nett jinghad illi l-appellant gie addebitat bi ksur ta' dan l-artikolu fir-rigward tat-tieni kap biss peress illi fir-rigward tar-reati addebitati bl-ewwel kap u bit-tielet kap, l-artikoli relattivi (l-artikoli 115 u 133 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta) specifikatament jirreferu ghal ufficjali pubblici u ghall-pieni applikabbli ghal dawk ir-reati lill-ufficjali pubblici li jikkommettu r-reati hemm kontemplati. Mill-banda l-ohra, l-artikolu 121A(2) ma jsemmix "ufficjali pubblici" u allura l-piena applikabbli mhijiex piena "li ghandha tinghata ghal reat li jsir minn ufficjal pubbliku". Kwindi, peress illi l-appellant kien ufficjal pubbliku, huwa applkabbli dan l-artikolu 141 abbinat ma' l-artikolu 121A fir-rigward tat-tieni kap ta' l-att ta' akkuza.

**34.** Issa, biex jiskatta d-dover jew obbligu taht l-Artikolu 141 imsemmi, irid ikun hemm xi disposizzjoni ta' ligi jew xi kundizzjoni ta' impieg li, direttament jew indirettament, timponi l-obbligu fuq l-ufficjal jew impjegat pubbliku li jkun li jissorvelja li ma jsirx xi reat partikolari (jew ir-reati kollha[5]) jew li jimpedixxi dan ir-reat (jew reati).[6]

**35.** Skond l-artikolu 8 tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta' Malta, **"l-imhallfin ma jistghux, hlief fil-qorti bil-miftuh, direttament jew indirettament, jikkumnikaw mal-partijiet f'kawza li tkun quddiem wahda mill-qrati, jew**

[5] Bhalma huwa l-kaz ta' ufficjali tal-pulizija in vista ta' dak li jipprovdu, fost ohrajn, l-Artikolu 346(1) tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 4 tal-Ordinanza dwar il-Pulizija ta' Malta (Kap. 164).

[6] Appell K riminali **Il-Pulizija v. Emmanuel Testa**, 17 ta' Lulju 2002.

**ma' l-avukati, prokuraturi legali, jew ma' haddiehor fl-isem tal-partijiet, dwar kawza li f'dak iz-zmien tkun ghad ma nqatghatx"**. Din il-Qorti m'ghandha l-ebda dubju li dan jista' jitqies bhala kondizzjoni ta' l-impieg ta' imhallef. Tant hija kondizzjoni importanti li hi sahansitra riprodotta fil-gurament tal-hatra ta' imhallef kif rizultanti mill-artikolu 10 ta' l-istess Kap. 12. F'dak il-gurament jinghad ukoll illi kemm-il darba ssir xi komunikazzjoni, l-imhallef ghandu jxandar fil-qorti bil-miftuh tali komunikazzjoni u jgharraf lill-President tar-Repubblika. Issa, f'dan il-kaz l-appellant gie avvicinat dwar il-kaz **Ir-Repubblika ta' Malta v. Mario Camilleri** minn medjaturi ta' Mario Camilleri, tkellem dwar il-kaz maghhom, u fl-ebda mument ma xandar fil-qorti bil-miftuh li kien gie hekk avvicinat. Barra minn hekk, kif intwera, sar hati tar-reat kontemplat fl-artikolu 121A(2) tal-Kap. 9, reat li kellu d-dmir li jimpedixxi li jsir bil-mod imsemmi fil-gurament tal-hatra, u mhux iwettqu huwa stess. Ghalhekk anke dan l-aggravju huwa michud.

**36.** L-ahhar aggravju ta' l-appellant jirrigwarda l-piena li jqis eccessiva partikolarment meta wiehed iqis il-piena nflitta fuq Dr. Patrick Vella, Joseph Zammit u Anthony Grech Sant. Jghid illi, ghalkemm m'hemm l-ebda aggravju fir-rigward tat-tielet kap, l-ewwel Qorti stess accettat li l-indiskrezzjoni ta' l-appellant sehhet nhar-il 4 ta' Lulju 2002, ossija meta s-sentenza kienet miktuba u miftehma bejn it-tliet imhallfin. Jghid li l-ghemil tieghu gie kastigat hafna aktar minn dak ta' haddiehor nonostante d-differenzi enormi fl-imgieba u fil-komportamenti u fl-attitudnijiet, differenzi li kienu rikonoxxuti mill-ewwel Qorti stess. L-appellant izid jghid illi l-ewwel Qorti riskontrat il-htiega li taghti piena akbar minhabba l-fatt li huwa kien jokkupa l-kariga ta' Prim Imhallef u minhabba dak li hija ddeskriviet bhala nuqqas ta' ko-operazzjoni mal-gustizzja. Dwar dan l-ahhar kumment l-appellant hu tal-fehma li b'hekk gie kastigat talli ma ammettiex. Dan il-hsieb, skond l-appellant, ma hu msejjes fuq ebda principju ta' dritt, anzi huwa n-negazzjoni ta' kull principju elementari ta' dritt. Imbaghad dwar l-aspett ta' l-oghla kariga tieghu meta mqabbla ma' dik ta' haddiehor, l-appellant josserva illi d-differenza manifesta fil-pieni ma tirriflettix pero` dak li l-

ewwel Qorti kienet stqarret dwar id-differenza fl-attitudnijiet bil-konsegwenza illi ebda bilanc u relattivita` ma nzamm.

**37.** In materja ta' piena l-principju regolatur huwa li din il-Qorti mhux normali li tiddisturba d-diskrezzjoni ta' l-ewwel Qorti fl-ghoti tal-piena sakemm din ma tkunx tohrog barra mil-limiti stipulati fil-ligi u ma jkun hemm xejn x'jindika li kellha tkun inqas minn dik li tkun fil-fatt inghatat[7].

**38.** Issa, bhalma jintqal f'**Blackstone's Criminal Practice 2004**:

**"The phrase 'wrong in principle or manifestly excessive' has traditionally been accepted as encapsulating the Court of Appeal's general approach. It conveys the idea that the Court of Appeal will not interfere merely because the Crown Court sentence is above that which their lordships as individuals would have imposed. The appellant must be able to show that the way he was dealt with was outside the broad range of penalties or other dispositions appropriate to the case. Thus in *Nuttall* (1908) 1 Cr App R 180, Channell J said, 'This court will…be reluctant to interfere with sentences which do not seem to it to be wrong in principle, *though they may appear heavy to individual judges*' (emphasis added). Similarly, in *Gumbs* (1926) 19 Cr App R 74, Lord Hewart CJ stated: *'…that this court never interferes with the discretion of the court below merely on the ground that this court might have passed a somewhat different sentence; for this court to revise a sentence there must be some error in principle."* Both Channell J in *Nuttall* and Lord Hewart CJ in *Gumbs* use the phrase 'wrong in principle'. In more recent cases too numerous to mention, the Court of Appeal has used (either additionally or alternatively to 'wrong in principle') words to the**

7 Ara, fost ohrajn, Appelli Kriminali: **Il-Pulizija vs Nikola Farrugia et**, 2 ta' Ottubru 2002; **Il-Pulizija vs Maurizio Massimiliano**, 13 ta' Novembru 2003; **Ir-Repubblika ta' Malta vs David Vella**, 14 ta' Gunju 1999; **Ir-Repubblika ta' Malta vs Eleno sive Lino Bezzina**, 24 ta' April 2003.

**effect that the sentence was 'excessive' or 'manifestly excessive'. This does not, however, cast any doubt on Channell J's dictum that a sentence will not be reduced merely because it was on the severe side – an appeal will succeed only if the sentence was excessive in the sense of being outside the appropriate range for the offence and offender in question, as opposed to being merely more than the Court of Appeal itself would have passed."** [8]

**39.** Fil-kaz in ezami, m'hemmx dubju li l-piena taqa' fil-parametri tal-ligi. Barra minn hekk l-ewwel Qorti, fis-sentenza taghha tas-26 ta' Novembru 2009, ikkunsidrat proprju dak kollu li setghet tikkunsidra, inkluz il-punti sollevati f'dan l-appell. Kwantu ghall-kwistjoni ta' *house arrest*, u cioe` jekk ghandux "jitqies" il-perijodu li l-appellant ghamel taht *house arrest* – mhux jitnaqqas peress illi huwa accettat mill-appellant li dan mhuwiex awtomatikament deducibbli skond l-artikolu 22 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta – din il-Qorti taghmel referenza ghas-sentenza moghtija minn din il-Qorti (diversament komposta) fit-28 ta' Dicembru 2009 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta v. Paul Muscat** fejn intqal hekk:

**"…il-fatt li persuna tkun ghamlet xi periodu taht "house arrest" ma jintitolahiex li dak iz-zmien ta' "house arrest" jitnaqqsilha bi dritt, cioe` b'applikazzjoni tal-Artikolu 22 ta' Kap. 9, u dan ghar-raguni semplici li l-"arrest preventiv" li huwa kontemplat li jitnaqqas skond l-imsemmi Artikolu 22 huwa dak iz-zmien li l-persuna tkun ghamlet mizmuma l-habs u mhux f'post li mhux "habs" skond il-ligi – ara f'dan is-sens is-sentenzi ta' din il-Qorti fl-ismijiet Ir-Repubblika ta' Malta v. Walter John Cassar (4/10/2007) u Ir-Repubblika ta' Malta v. Ibrahim Hafes Ibrahim el Degwi (8/5/2008). Mill-banda l-ohra, fil-kazijiet fejn, kontra dak indikat mill-Qorti Kostituzzjonali, tali "house arrest" ga gie applikat, dan l-arrest domiciljari jista' jittiehed in konsiderazzjoni minn Qorti fl-ikkalibrar tal-piena specjalment meta dan l-arrest (i)**

[8] Page 1695, para. D23.45

**ikun wiehed assolut (cioe` l-persuna prattikament ma tohrog xejn minn darha hlief biex tattendi l-Qorti), (ii) ikun fuq periodu konsiderevoli u (iii) l-imputat ma jkun ghamel xejn, direttament jew indirettament, biex itawwal il-proceduri.”**

**40.** Jigifieri apparti li l-ewwel Qorti ma kinitx intitolata tnaqqas il-perijodu ta’ *house arrest*, lanqas kienet obbligata li tiehu l-perijodu ta’ *house arrest* in konsiderazzjoni. Di piu` f’dan il-kaz il-perijodu ta’ *house arrest* kien wiehed qasir – id-difiza fil-fatt indikat perijodu ta’ tliet xhur. Jirrizulta mbaghad mid-digriet ta’ l-ghoti ta’ helsien mill-arrest, li l-Qorti tal-Magistrati qalet li kienet qed taghti l-helsien mill-arrest “biex tkun zgurata l-inkolumita` fizika ta’ l-imputati”. Jigifieri, filwaqt illi huwa minnu illi l-appellant ma kienx liberu illi jiccirkola fil-pajjiz kif irid hu, huwa kien qieghed fis-sigurta` ta’ daru u ma kienx qieghed jiffaccja dak kollu li jfisser ‘habs’.

**41.** F’dawn ic-cirkostanzi anke dan l-aggravju huwa michud.

**42.** Ghal dawn il-motivi tiddeciedi billi tichad l-appell u tikkonferma kemm is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-konfront ta’ l-appellant fl-24 ta’ Novembru 2009 kif ukoll is-sentenza moghtija mill-Qorti Kriminali fil-konfront tieghu fis-26 ta’ Novembru 2009.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------